# MAIN
# ***M**ultilingual **A**ssessment **I**nstrument for **N**arratives*

N. Gagarina, D. Klop, S. Kunnari,
K. Tantele, T. Välimaa,
U. Bohnacker & J. Walters

## Maltese version

Translated and adapted by
Daniela Gatt
(based on the revised version in English)

© ZAS Papers in Linguistics 64 (2020)

**How to cite this version**:
Gagarina, N., Klop, D., Kunnari, S., Tantele, K., Välimaa, T., Bohnacker, U. & Walters, J. (2019). MAIN: Multilingual Assessment Instrument for Narratives – Revised. Materials for use. *ZAS Papers in Linguistics*, 63. Maltese version. Translated and adapted by Gatt, D.

**MAIN: Maltese Version**

**Strument Multilingwi għall-Assessjar tal-Ħila Narrattiva**

Daniela Gatt

L-Istrument Multilingwi għall-Assessjar tal-Ħila Narrattiva (MAIN) tfassal fl-2012 bil-għan li jevalwa l-ħiliet narrattivi ta' tfal li jiżviluppaw lingwa waħda jew aktar sa mit-twelid jew minn età bikrija. MAIN tfassal primarjament għal tfal ta' bejn wieħed u ieħor 3 sa 10 snin; skont xogħol li sar dan l-aħħar instab li jista' jintuża wkoll ma' tfal akbar, adolexxenti u adulti. Bis-saħħa tat-tifsila tiegħu, wieħed jista' jevalwa l-mod kif l-istess tifel jew tifla jifhmu u jipproduċu stejjer f'aktar minn lingwa waħda, filwaqt li tista' tinkiseb informazzjoni permezz ta' firxa ta' modalitajiet: Storja-Mudell (Model Story), Rakkont mill-Ġdid (Retelling), u Rakkont (Telling). Il-verżjoni tal-2012 tfasslet wara li twettqu provi estensivi fost aktar minn 500 tifel u tifla monolingwi u bilingwi ta' bejn it-3 u l-10 snin, fi 15-il lingwa differenti u lingwi mħalltin flimkien.

Fl-2019, saret reviżjoni tal-verżjoni Ingliża abbażi ta' traskrizzjoni ta' aktar minn 2,500 storja tal-MAIN kif ukoll ta' madwar 24,000 tweġiba għall-mistoqsijiet ta' komprensjoni, miġbura minn madwar 700 tifel u tifla monolingwi u bilingwi fil-Ġermanja, ir-Russja u l-Iżvezja bejn l-2013 u l-2019. Il-verżjoni Maltija preżenti tissejjes fuq l-aħħar verżjoni bl-Ingliż tal-2019.

MAIN fih erba' stejjer paralleli, b'kull waħda b'sekwenza ta' sitt stampi mfassla kif jixraq skont mudell multidimensjonali ta' organizzazzjoni narrattiva. Hemm xebh ikkontrollat bejn l-istejjer fejn jidħlu l-kumplessità konjittiva u lingwistika, il-paralleliżmu fil-makrostruttura u l-mikrostruttura, u l-validità u l-adattament kulturali.

Minkejja li s'issa MAIN għadu ma ġiex standardizzat, il-proċeduri standard li bih jitħaddem jistgħu jintużaw għal finijiet ta' evalwazzjoni, intervent u riċerka. Għal aktar tagħrif iddettaljat dwar kif tuża MAIN, jekk jogħġbok ara l-kapitlu *Background on MAIN – Revised, how to use it and adapt it to other languages* (miktub bl-Ingliż) f'*ZAS Papers in Linguistics* 63 (2019, pp. iv-xii) li jinsab aċċessibbli fuq https://zaspil.leibniz-zas.de/issue/view/53.

Dan id-dokument jiġbor fih:

- Linji Gwida għall-Assessjar
- Protokolli, Formuli Evalwattivi għal *Il-Qattus*, *Il-Kelb*, *Il-Psiepes*, *Il-Gidien*
- Mistoqsijiet Ġeneriċi
- Siltiet Narrattivi

**Radd il-Ħajr**

It-traduzzjoni u l-adattament tal-verżjoni riveduta ta' MAIN għall-Malti ma setgħux jitwettqu mingħajr is-sehem u l-isforzi ta' bosta individwi. Nirringrazzja bil-qalb lil:

Sonia Azzopardi Axiak, Loridana Buttigieg, Javier Degiorgio, Helen Grech, Martina Galdes, Ritienne Grima, Josette Portelli u Daniela Vassallo għall-kummenti siewja tagħhom dwar it-traduzzjoni preliminari ta' MAIN għall-Malti;

Albert Borg għall-parir prezzjuż dwar il-makrostruttura u l-mikrostruttura tat-traduzzjoni għall-Malti tas-siltiet narrattivi tal-verżjoni riveduta ta' MAIN;

Francesca Farrugia għall-back translation tal-verżjoni riveduta ta' MAIN mill-Malti għall-Ingliż;

Kenneth Grima għat-traduzzjoni mirquma tal-manwal tal-verżjoni riveduta ta' MAIN għall-Malti;

Javier Degiorgio għall-qari tal-provi bir-reqqa tal-manwal tal-verżjoni riveduta ta' MAIN għall-Malti.

**Linji Gwida għall-Assessjar**

MAIN huwa maħsub primarjament għal tfal ta' bejn wieħed u ieħor 3 sa 10 snin, imma jista' jintuża wkoll ma' tfal akbar, adolexxenti u adulti. MAIN jevalwa l-ħila ta' dak li jkun li jifhem kif ukoll li jirrakkonta storja. Jippermetti wkoll li tinkiseb informazzjoni permezz ta' firxa ta' modalitajiet: Storja-Mudell, Rakkont mill-Ġdid, u Rakkont. Liema proċedura tintgħażel sabiex tinkiseb l-informazzjoni (eż. storja-mudell/rakkont mill-ġdid u wara rakkont, jew rakkont biss) jiddependi mill-għanijiet u l-ħtiġijiet tal-evalwazzjoni. (L-eżaminatur jew l-eżaminatriċi jistgħu jużaw id-deskrizzjoni tagħhom.)

Il-mod kif inhu mfassal MAIN jippermetti li ssir evalwazzjoni ta' lingwi varji fl-istess tifel jew tifla. Ma tagħmilx differenza liema lingwa tiġi evalwata l-ewwel. F'każ ta' tfal bilingwi, l-aħjar li jitħallew jgħaddu minn 4 sa 7t ijiem bejn it-test fl-ewwel lingwa u dak fit-tieni, ħalli jonqsu kemm jistgħu l-effetti b'rabta mat-trasferiment krosslingwistiku kif ukoll l-effetti fuq il-memorja. L-aħjar hu li t-tifel jew it-tifla ma jkunux evalwati mill-istess persuna fiż-żewġ ilsna, ħalli jinħoloq kuntest monolingwi u jitnaqqas il-bżonn li wieħed jaqleb minn lingwa għal oħra (code-switching). Fil-kuntest Malti, madanakollu, il-lingwa Maltija u dik Ingliża huma t-tnejn lingwi uffiċjali li għandhom kuntatt dirett ma' xulxin. Minħabba f'hekk, huwa aċċettabbli li t-test jiġi amministrat fiż-żewġ lingwi mill-istess persuna.

_Materjal_

- 4 sekwenzi bl-istampi: *Il-Psiepes*, *Il-Gidien*, *Il-Qattus* u *Il-Kelb* (tliet kopji ta' kull storja (stampati bil-kulur), kull kopja f'envelop għalih: 12-il envelop separati b'kollox)
- 4 siltiet narrattivi/siltiet stimulatorji: *Il-Psiepes*, *Il-Gidien*, *Il-Qattus* u *Il-Kelb*
- Tagħmir għar-reġistrazzjoni (awdjo jew vidjo)
- Protokolli dwar kif jingħataw il-punti għall-analiżi makrostrutturali, għat-termini li jiddeskrivu l-qagħda interna tal-protagonisti u għall-mistoqsijiet ta' komprensjoni
- Mistoqsijiet ġeneriċi (kwestjunarju għall-ġenituri)

_Istruzzjonijiet_

**Kif tħejji l-materjal**

1. Żur www.leibniz-zas.de/en/service-transfer/main biex tniżżel l-istampi.
2. Ipprintja kull file PDF (i.e. kull sekwenza/storja bl-istampi) tliet darbiet, bil-kulur minn printer ta' kwalità tajba fuq karti A4 bojod, b'kull stampa fiha 9 x 9 ċm.
3. Agħti numru fuq wara ta' kull stampa (minn 1 sa 6).
4. Qasqas iż-żewġ ringieli bl-istampi.
5. Waħħal l-istampi flimkien biex tifforma strixxa ta' 6 stampi kif qed jidher hawn taħt u itwihom darbtejn (stampa 1, stampa 2, itwi, stampa 3, stampa 4, itwi, stampa 5, stampa 6).

   Nota: Tqasqasx u tużax l-istampi ż-żgħar li qed jidhru fl-istruzzjonijiet dwar kif għandek titwi l-istrixxa.



6. Qiegħed kull strixxa/sekwenza bl-istampi (6 stampi) f'envelop għalih, immarkat b'kulur jew b'xi marka oħra li tagħżlu mill-bqija (eż. tikek) ħalli tidentifika l-istorja.

**Kif tmexxi l-assessjar**

- Qis li tkun sirt midħla sew kemm tal-protokolli b'rabta mal-istejjer kif ukoll tal-istruzzjonijiet.
- Ħejji t-tagħmir awdjo/vidjo ħalli tirrekordja s-sessjoni. Ibda rrekordja qabel il-fażi preparatorja. Qis li tirrekordja s-sessjoni sħiħa, inkluż it-tweġibiet tat-tifel jew it-tifla għall-mistoqsijiet tal-komprensjoni.
- Il-fażi preparatorja għandha tissejjes fuq l-esperjenza mgħoddija tiegħek u l-ambjent kulturali li fih qed isir it-test. Inti u titkellem mat-tifel jew it-tifla, oħloq rapport u staqsi xi mistoqsijiet ħalli tara li t-tifel jew it-tifla kapaċi jifhmu mistoqsijiet interrogattivi sempliċi. Staqsi, ngħidu aħna: *"Min huma l-akbar ħabib jew ħabiba tiegħek?"*, *"Xi tħobb tara fuq it-televixin?"*, *"Tħobb tirrakkonta l-istejjer?"*, *"Tħobb tisma' l-istejjer?"*
- Qis li t-tliet enveloppijiet li fihom l-istess sekwenza bl-istampi jkunu fuq il-mejda qabel ma tibda l-assessjar. (L-għan għala qed jintuża dan il-format introduttorju huwa sabiex it-tifel jew it-tifla jaħsbu li l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi ma jafux liema storja hemm fl-envelop li għażlu, u b'hekk jitrażżan l-effett tal-hekk imsejjaħ "għarfien komuni" waqt il-preżentazzjoni tas-sekwenza bl-istampi.)
- Ibda l-assessjar skont l-istruzzjonijiet fil-protokoll(i) b'rabta mal-istorja. Jekk jogħġbok, żomm mas-suġġerimenti rrakkomandati (ara wkoll is-suġġerimenti li ġejjin).
- Tagħrif ieħor dwar il-preżentazzjoni tal-istampi: Waqt l-assessjar inti għandek tpoġġi faċċata tat-tifel jew it-tifla ħalli b'hekk ikunu jistgħu jżommu l-istampi jħarsu lejhom, u mhux lejk. Meta t-tifel jew it-tifla joħorġu l-istampi, għidilhom biex jiftħu l-istrixxa bl-istampi u biex iħarsu lejn l-istorja sħiħa billi jibdew mill-ewwel stampa u lissen: *"Ħares lejn l-istampi imma turihomlix. INTI biss trid tarahom."* (Jekk it-tifel jew it-tifla ma jistgħux iżommu u jiftħu l-istrixxa bl-istampi waħidhom, l-istampi tista' żżommhom inti b'wiċċhom lejn it-tifel jew it-tifla, u mhux lejk.)
- Meta t-tifel jew it-tifla jkunu lesti biex jirrakkuntaw l-istorja, għinhom jerġgħu jitwu l-istampi fi tlieta. Waqt li t-tifel jew it-tifla għadhom qed iżommu l-istrixxa bl-istampi, tista' tgħinhom jitwuha mingħajr ma tħares lejn l-istampi. Għid lit-tifel jew it-tifla biex jibdew jirrakkuntaw l-istorja huma u jħarsu lejn l-ewwel żewġ stampi fl-istrixxa. Meta t-tifel jew it-tifla jieqfu jħarsu lejn l-istampi 1 u 2, għidilhom jiftħu ż-żewġ stampi li jmiss fl-istrixxa (issa se jkunu miftuħin l-istampi minn 1 sa 4). Meta t-tifel jew it-tifla jlestu, għidilhom jiftħu ż-żewġ stampi li jmiss fl-istrixxa ħalli b'hekk tkun infetħet l-istorja kollha .
- Meta t-tifel jew it-tifla jkunu spiċċaw jirrakkuntaw/jirrakkuntaw mill-ġdid l-istorja, introduċi l-mistoqsijiet tal-komprensjoni billi tgħid: *"Issa se nistaqsik xi mistoqsijiet dwar l-istorja."* Meta tistaqsi l-mistoqsijiet tal-komprensjoni, żomm is-sekwenzi bl-istampi miftuħa fuq il-mejda b'tali mod li t-tifel jew it-tifla u l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi jkunu jistgħu jarawhom sew.
- Wara li tintemm is-sessjoni, agħmel traskrizzjoni tar-rakkont(i) u niżżel il-punti miksuba mit-tifel jew it-tifla għall-produzzjoni u l-komprensjoni fil-formuli evalwattivi.
- **Ftakar:** Il-lista bl-għażliet imniżżla fil-formula evalwattiva mhijiex eżawrjenti. Il-punti jingħataw meta t-tifel jew it-tifla jesprimu permezz ta' kliem xieraq komponent tal-makrostruttura (Għan, Tentattiv, Riżultat, Terminu tal-Qagħda Interna). Ikkonsulta mal-manwal biex tkun taf kif għandek tagħti l-punti.

**Suġġerimenti**

1. Tkunx int li tibdielhom l-istorja lit-tifel jew it-tifla, imma ħeġġiġhom biex jirrakkuntaw l-istorja waħidhom billi tgħid: *"Irrakkuntali l-istorja"* (ipponta lejn l-istampa).
2. Is-suġġerimenti agħtihom biss wara li tkun ilek tistenna għal mill-inqas 10 sekondi u biss wara li jkun ċar li t-tifel jew it-tifla se jibqgħu ma jlissnu xejn. Jekk jiġri hekk biss għandek tagħti suġġerimenti lit-tifel jew it-tifla, l-ewwel billi tlissen: *"Kollox sew..."*, *"Mela..."*, *"Inti jmissek..."* Jekk jogħġbok, oqgħod ĦAFNA attent(a) meta tagħti s-suġġerimenti ħalli tevita li tagħmel xi differenza bejn grupp u ieħor li qed jieħu sehem fir-riċerka, i.e. l-hekk imsejħa "l-effetti mill-esperimentatur jew l-esperimentatriċi." Stenna għal madwar 10 sekondi; jekk it-tifel jew it-tifla jibqgħu b'fommhom sieket, għinhom billi tlissen: *"Irrakkuntali x'qed jiġri."* Jekk it-tifel jew it-tifla jisktu f'nofs l-istorja,

ħeġġiġhom biex jissuktaw u jirrakkuntawlek aktar: *"Xi ħaġa oħra?"*, *"Kompli"*, *"Irrakkuntali aktar"*, *"Ejja naraw x'ġara aktar fl-istorja."*

3. Mhux importanti kif it-tifel jew it-tifla jirreferu għall-protagonisti huma u jirrakkuntaw l-istorja; toqgħodx tikkoreġihom. Jekk it-tifel jew it-tifla ma jistgħux isibu l-kelma biex jirreferu għal xi azzjoni, protagonist u l-bqija, u jidhru li jkunu weħlu jew jitolbuk l-għajnuna, ħeġġiġhom billi tgħid: *"Tista' ssejjaħlu/issejħilha kif trid"*, *"Kieku int kif issejjaħlu/issejħilha?"*
4. Issaqsix mistoqsijiet bħal dawn:
   a) *"X'qed jagħmel hawn?"*, *"Min qed jiġri?"*
   b) *"Dan/Din x'inhu/x'inhi?"*, *"X'qed tara/lil min qed tara fl-istampa?"*
   (sabiex ma tħarbatx u ma tinfluwenzax ir-rakkont tat-tifel jew it-tifla, ma tħeġġiġhomx jużaw nofs sentenzi u tevita referenzi dimostrattivi).
5. Jekk it-tifel jew it-tifla jibdew jirrakkuntaw l-istorja mill-esperjenza tagħhom, eż. *"Rajt għasfur bħal dan filgħodu"* jew *"Se mmur mal-mamà s-supermarket wara l-iskola..."*, agħtihom ftit tal-ħin biex jitkellmu dwar l-esperjenza tagħhom u wara itlobhom bil-galbu biex jirrakkuntawlek l-istorja li hemm fl-istampi. (Din il-parti irrelevanti tar-rakkont ħalliha barra mill-analiżi.)
6. Mill-esperjenza mgħoddija tiegħek u abbażi tal-ambjent kulturali li fih qed isir it-test, tista' tiddeċiedi li tgħaddilhom kelma lit-tifel jew it-tifla bil-għan li tagħmlilhom il-qalb, eż. *"Tajjeb"*, *"Prosit"*, wara kull par stampi (u qabel ma jinfetaħ il-par li jmiss). (Dan se jgħin ukoll lit-traskritturi/kodifikaturi biex jorbtu l-espressjonijiet tat-tifel jew it-tifla ma' par speċifiku ta' stampi.) Madanakollu, tagħmilx hekk jekk tħoss li dan se jfixkel il-fil tar-rakkont jew tal-ħsieb tat-tifel jew it-tifla.

**Kif tqabbel (jew le) ir-riżultati ta' bejn storja u oħra**

- Meta qed tevalwa tifel jew tifla bilingwi f'żewġ ilsna, evita li tuża l-istorja *Il-Qattus* u/jew *Il-Kelb* għal lingwa waħda u l-istorja *Il-Psiepes* u/jew *Il-Gidien* għal-lingwa l-oħra.
- Tajjeb li tevita wkoll li tqabbel il-ħila murija mit-tifel jew it-tifla waqt it-test bl-istejjer *Il-Qattus* u/jew *Il-Kelb* f'mument partikulari mal-ħila murija waqt it-test bl-istejjer *Il-Psiepes* u/jew *Il-Gidien* f'mument ieħor.
- Għala? L-istejjer fil-MAIN ma jistgħux jitqabblu direttament bejniethom f'kollox. Kif jixhdu l-aħħar riżultati, hemm xi rqaqat li fihom l-erba' stejjer ivarjaw bejniethom, b'mod speċjali fejn jidħlu l-mistoqsijiet tal-komprensjoni. *Il-Psiepes* u *Il-Gidien* huma bejn wieħed u ieħor paralleli; *Il-Qattus* u *Il-Kelb* ukoll huma paralleli imma jvarjaw minn *Il-Psiepes* u *Il-Gidien* f'ċerti aspetti, eż. il-plott, l-għadd ta' karattri u wħud mill-mistoqsijiet tal-komprensjoni. Għaldaqstant, oqgħod attent(a) li m'intix qed tħallat ħaġa ma' oħra.
- Meta tevalwa gruppi ta' tfal bil-MAIN, qis li toħloq bilanċ xieraq bejn proċedura u oħra, sabiex tnaqqas l-effetti ta' storja fuq oħra u/jew l-effetti tal-mod kif tinkiseb l-informazzjoni minn storja għall-oħra (rakkont mill-ġdid, storja-mudell, rakkont).

<u>*Kif jinħoloq kontrobilanċ bejn il-proċeduri mħaddma għal fini ta' riċerka*</u>

L-ordni fil-preżentazzjoni għandha tkun kontrobilanċjata fejn jidħlu l-lingwa li biha qed jiġi amministrat it-test u l-istorja (*Il-Qattus*/*Il-Kelb* – Storja-Mudell/Rakkont mill-Ġdid (primarjament) u *Il-Psiepes*/*Il-Gidien* – Rakkont (primarjament)). Uża l-proċedura li ġejja sabiex jinħoloq dan il-kontrobilanċ (jekk qed tevalwa lingwa waħda biss, mela agħżel addoċċ bejn il-proċedura għal tfal bin-numru 1, 2, 5 u 6 jew dik għal tfal bin-numru 3, 4, 7 u 8):

| In-Numru tat-Tifel/Tifla | Lingwa | Storja-Mudell/ Rakkont mill-Ġdid | Rakkont | Lingwa | Storja-Mudell/ Rakkont mill-Ġdid | Rakkont |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | L1 | *Il-Qattus* | *Il-Psiepes* | L2 | *Il-Kelb* | *Il-Gidien* |
| 2 | L1 | *Il-Qattus* | *Il-Gidien* | L2 | *Il-Kelb* | *Il-Psiepes* |
| 3 | L2 | *Il-Qattus* | *Il-Gidien* | L1 | *Il-Kelb* | *Il-Psiepes* |
| 4 | L2 | *Il-Qattus* | *Il-Psiepes* | L1 | *Il-Kelb* | *Il-Gidien* |
| 5 | L1 | *Il-Kelb* | *Il-Psiepes* | L2 | *Il-Qattus* | *Il-Gidien* |
| 6 | L1 | *Il-Kelb* | *Il-Gidien* | L2 | *Il-Qattus* | *Il-Psiepes* |
| 7 | L2 | *Il-Kelb* | *Il-Gidien* | L1 | *Il-Qattus* | *Il-Psiepes* |
| 8 | L2 | *Il-Kelb* | *Il-Psiepes* | L1 | *Il-Qattus* | *Il-Gidien* |

Żomm f'moħħok li ma tistax tqabbel direttament ir-riżultati tal-istejjer differenti u tal-modi kif tinkiseb l-informazzjoni (ara hawn fuq).

*Varjazzjoni: Silta narattiva ta'* Il-Gidien

Fil-verżjoni Maltija tas-silta narrattiva *Il-Gidien*, il-kelma "lupu" qed tintuża minflok "volpi" minħabba li skont studju pilota mwettaq minn qabel, inħareġ li t-terminu "volpi" hu x'aktarx inqas frekwenti minn "lupu" fir-repertorji lessikali tat-tfal Maltin. MAIN jippermetti li tintgħażel "lupu" sabiex tagħmel tajjeb għall-esperjenzi varji tat-tfal. Jeżistu wkoll l-istampi korrispondenti.

**Protokoll għal *Il-Qattus***

Rakkont / Rakkont mill-Ġdid / Storja-Mudell

| | |
|---|---|
| Isem it-tifel jew it-tifla: | _________________________ |
| Id-data tat-twelid: | _________________________ |
| Id-data tal-assessjar: | _________________________ |
| L-età waqt l-assessjar (f'xhur): | _________________________ |
| Is-sess: | _________________________ |
| Isem l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi: | _________________________ |
| Espożizzjoni għal L2 (f'xhur): | _________________________ |
| Id-data tad-dħul fil-kindergarten: | _________________________ |
| Isem il-kindergarten: | _________________________ |

Qis li l-enveloppijiet ikunu kollha fuq il-mejda qabel ma jibda l-assessjar. Ipprepara t-tagħmir ta' awdjo-reġistrazzjoni sabiex tirrekordja s-sessjoni. Ibda rrekordja qabel il-fażi preparatorja.

**Fażi preparatorja**

Staqsi ngħidu aħna: *"Min huma l-akbar ħabib jew ħabiba tiegħek?"*, *"Xi tħobb tara fuq it-televixin?"*, *"Tħobb tirrakkonta l-istejjer?"*, *"Tħobb tisma' l-istejjer?"*

**Istruzzjonijiet**

**Istruzzjonijiet għal waqt ir-Rakkont**

Poġġi bilqiegħda faċċata tat-tifel jew it-tifla. Għid lit-tifel jew it-tifla: *"Ara, hawn għandek 3 enveloppijiet. Hemm storja differenti f'kull envelop. Agħżel wieħed u mbagħad tkun tista' tirrakkuntali storja."* Iftaħ l-istampi b'tali mod li t-tifel jew it-tifla biss ikunu jistgħu jaraw is-sekwenza sħiħa. *"L-ewwel irridek tħares lejn l-istorja sħiħa. Lest(a)?"*

Iftaħ l-ewwel 2 stampi. Għid lit-tifel jew it-tifla: *"Irrid <u>lilek</u> tirrakkuntali l-istorja. Ħares lejn l-istampi u pprova rrakkuntali <u>l-aħjar</u> storja li tista'."* Suġġeriment li tista' tagħmel jekk it-tifel jew it-tifla qed isibuha bi tqila biex jibdew: *"Irrakkuntali l-istorja"* (ipponta lejn l-istampa). Meta t-tifel jew it-tifla jispiċċaw jirrakkuntaw l-ewwel 2 stampi, iftaħ li jmiss (b'tali mod li l-istampi kollha minn 1 sa 4 jkunu jidhru). Erġa' rrepeti l-proċess sa tmiem l-istorja. Suġġerimenti li tista' tagħmel jekk it-tifel jew it-tifla jisktu f'nofs l-istorja: *"Xi ħaġa oħra?"*, *"Kompli"*, *"Irrakkuntali aktar"*, *"Ejja naraw x'ġara aktar fl-istorja."* Jekk it-tifel jew it-tifla jieqfu jitkellmu mingħajr ma juruk li spiċċaw jirrakkuntaw, għidilhom: *"Għidli meta tlesti."*

Meta t-tifel jew it-tifla jlestu, faħħarhom u mbagħad staqsihom il-mistoqsijiet tal-komprensjoni.

**Istruzzjonijiet għal waqt ir-Rakkont mill-Ġdid**

Poġġi bilqiegħda faċċata tat-tifel jew it-tifla. Għid lit-tifel jew it-tifla: *"Ara, hawn għandek 3 enveloppijiet. Hemm storja differenti f'kull envelop. Agħżel wieħed u mbagħad se nirrakkuntalek l-istorja."* Iftaħ l-istampi b'tali mod li t-tifel jew it-tifla biss ikunu jistgħu jaraw

is-sekwenza sħiħa. *"L-ewwel irridek tħares lejn l-istorja sħiħa. Lest(a)? Se nirrakkuntalek l-istorja u mbagħad tkun tista' terġa' tgħidhieli inti."*

Iftaħ l-istampi 1 u 2. *"L-istorja tibda hawn:* (ipponta lejn stampa 1). *Darba waħda kien hemm qattus vivaċi li ra farfett isfar bilqiegħda fuq siġra żgħira. Qabeż 'il quddiem għax ried jaqbdu. Sadanittant, tifel ferrieħi kien ġej lura mis-sajd u f'idejh kellu barmil u ballun. Ħares lejn il-qattus jiġri wara l-farfett."*

Iftaħ l-istampi 3 u 4 (ħalli b'hekk l-istampi kollha minn 1 sa 4 jkunu qed jidhru issa). *"Il-farfett tar 'l hemm malajr u l-qattus waqa' fis-siġra ż-żgħira. Weġġa' u kien irrabjat ħafna. It-tifel tant kien maħsud li l-ballun waqagħlu minn idu. Meta ra l-ballun tiegħu jitgerbeb għal ġol-ilma, għajjat: 'Uff, ħarabli l-ballun!' Kien imdejjaq u ried iġib il-ballun tiegħu lura. Sadanittant, il-qattus induna bil-barmil tat-tifel u ħaseb: 'Irrid naħtaf ħuta.'"*

Iftaħ l-istampi 5 u 6 (b'tali mod li l-istampi kollha minn 1 sa 6 jkunu qed jidhru issa. *"Fl-istess ħin, it-tifel beda jiġbed il-ballun tiegħu mill-ilma bil-qasba tas-sajd. Ma indunax li l-qattus kien ħataf ħuta. Fl-aħħar mill-aħħar, il-qattus kien kuntent ħafna li kiel ħuta daqshekk tajba u t-tifel kien ferħan li l-ballun tiegħu ġabu lura.*

*U hekk spiċċat l-istorja."*

Iftaħ l-istampi b'tali mod li t-tifel jew it-tifla biss ikunu jistgħu jaraw l-ewwel 2 stampi. Għid lit-tifel jew it-tifla: *"Issa rrid lilek li tirrakkuntali l-istorja. Ħares lejn l-istampi u pprova rrakkuntali l-aħjar storja li tista'."* Suġġeriment li tista' tagħmel jekk it-tifel jew it-tifla qed isibuha bi tqila biex jibdew: *"Irrakkuntali l-istorja"* (ipponta lejn l-istampa). Meta t-tifel jew it-tifla jispiċċaw jirrakkuntaw l-ewwel 2 stampi, iftaħ li jmiss (b'tali mod li l-istampi kollha minn 1 sa 4 jkunu jidhru issa). Erġa' rrepeti l-proċess sakemm tasal sa tmiem l-istorja. Suġġerimenti li tista' tagħmel jekk it-tifel jew it-tifla jisktu f'nofs l-istorja: *"Xi ħaġa oħra?"*, *"Kompli"*, *"Irrakkuntali aktar"*, *"Ejja naraw x'ġara aktar fl-istorja."* Jekk it-tifel jew it-tifla jieqfu jitkellmu mingħajr ma juruk li spiċċaw jirrakkuntaw, għidilhom: *"Għidli meta tlesti."*

Meta t-tifel jew it-tifla jlestu, faħħarhom u mbagħad staqsihom il-mistoqsijiet tal-komprensjoni.

### Istruzzjonijiet għal waqt l-Istorja-Mudell

Poġġi bilqiegħda faċċata tat-tifel jew it-tifla. Għid lit-tifel jew it-tifla: *"Ara, hawn għandek 3 enveloppijiet. Hemm storja differenti f'kull envelopp. Agħżel wieħed u mbagħad se nirrakkuntalek l-istorja."* Iftaħ l-istampi b'tali mod li t-tifel jew it-tifla biss ikunu jistgħu jaraw is-sekwenza sħiħa. *"L-ewwel irridek tħares lejn l-istorja sħiħa. Lest(a)? Se nirrakkuntalek l-istorja u mbagħad se nistaqsik xi mistoqsijiet."*

Iftaħ l-istampi 1 u 2. *"L-istorja tibda hawn:* (ipponta lejn stampa 1). *Darba waħda kien hemm qattus vivaċi li ra farfett isfar bilqiegħda fuq siġra żgħira. Qabeż 'il quddiem għax ried jaqbdu. Sadanittant, tifel ferrieħi kien ġej lura mis-sajd u f'idejh kellu barmil u ballun. Ħares lejn il-qattus jiġri wara l-farfett."*

Iftaħ l-istampi 3 u 4 (b'tali mod li l-istampi kollha minn 1 sa 4 jkunu qed jidhru issa). *"Il-farfett tar 'l hemm malajr u l-qattus waqa' fis-siġra ż-żgħira. Weġġa' u kien irrabjat ħafna. It-tifel tant kien maħsud li l-ballun waqagħlu minn idu. Meta ra l-ballun tiegħu jitgerbeb għal ġol-ilma, għajjat: 'Uff, ħarabli l-ballun!' Kien imdejjaq u ried iġib il-ballun tiegħu lura. Sadanittant, il-qattus induna bil-barmil tat-tifel u ħaseb: 'Irrid naħtaf ħuta.'*

Iftaħ l-istampi 5 u 6 (b'tali mod li l-istampi kollha minn 1 sa 6 jkunu qed jidhru issa. *"Fl-istess ħin it-tifel beda jiġbed il-ballun tiegħu mill-ilma bil-qasba tas-sajd. Ma indunax li l-qattus kien ħataf ħuta. Fl-aħħar mill-aħħar, il-qattus kien kuntent ħafna li kiel ħuta daqshekk tajba u t-tifel kien ferħan li l-ballun tiegħu ġabu lura.*

*U hekk spiċċat l-istorja."*

Wara li tlissen: *"U hekk spiċċat l-istorja"* staqsi l-mistoqsijiet tal-komprensjoni.

**Formula Evalwattiva għal *Il-Qattus***

**Taqsima I: Produzzjoni**

A. Struttura tal-Istorja; B. Kumplessità tal-Istruttura; Ċ. Termini tal-Qagħda Interna (TQI)

## A. Struttura tal-Istorja

| | | **Eżempji ta' tweġibiet tajbin[1]** | **Punti** |
|---|---|---|---|
| **A1.** | Kuntest | Referenza għaż-żmien u/jew għall-post, eż. darba fost l-oħrajn/darba waħda/ħafna żmien ilu...<br>ħdejn lag/ħdejn il-lag/ħdejn xatt ix-xmara/ħdejn l-ilma/ħdejn ix-xatt/f'mergħa... | 0 1 2[2] |
| *Episodju 1: Il-Qattus (Il-karattri tal-episodju: qattus u farfett)* | | | |
| **A2.** | TQI bħala episodju inizjali | Il-**qattus** kien vivaċi/kurjuż<br>Il-**qattus** ra farfett | 0 1 |
| **A3.** | Għan (Għ) | Il-**qattus** ried jaqbad/jaħtaf/jiġri wara l-farfett/jilgħab mal-farfett<br>(Sabiex) + VERB (jaqbad, jaħtaf, jilgħab ma') | 0 1 |
| **A4.** | Tentattiv (T) | Il-**qattus** qabeż 'il quddiem/'il fuq<br>Il-**qattus** ġera wara/beda jiġri wara<br>Il-**qattus** ipprova + VERB (jaqbad, jaħtaf, jieħu) | 0 1 |
| **A5.** | Riżultat (R) | Il-**qattus** waqa' fis-siġra ż-żgħira/ma qabadx il-farfett/ma kienx ħafif biżżejjed<br>Il-**farfett** ħarab/tar 'l hemm/kien wisq ħafif | 0 1 |
| **A6.** | TQI bħala reazzjoni | Il-**qattus** kien iddiżappuntat/irrabjat/imweġġa'<br>Il-**farfett** kien ferħan/hieni | 0 1 |
| *Episodju 2: It-Tifel (il-karattru tal-episodju: tifel)* | | | |
| **A7.** | TQI bħala episodju inizjali | It-**tifel** kien imdejjaq/imnikket/inkwetat minħabba l-ballun tiegħu<br>It-**tifel** ra l-ballun fl-ilma | 0 1 |
| **A8.** | Għan (Għ) | It-**tifel** iddeċieda li/ried iġib il-ballun tiegħu lura<br>(Sabiex) + VERB (iġib) | 0 1 |
| **A9.** | Tentattiv (T) | It-**tifel** kien qed jiġbed/ipprova jiġbed il-ballun mill-ilma | 0 1 |
| **A10.** | Riżultat (R) | It-**tifel** reġa' ġab/kellu l-ballun tiegħu lura<br>Il-**ballun** reġa' ġabu lura | 0 1 |
| **A11.** | TQI bħala reazzjoni | It-**tifel** ħassu hieni/ferħan/kuntent/sodisfatt/ħa r-ruħ (li ġab/kellu l-ballun tiegħu lura) | 0 1 |
| *Episodju 3: Il-Qattus (Il-karattru tal-episodju: qattus)* | | | |
| **A12.** | TQI bħala episodju inizjali | Il-**qattus** kien bil-ġuħ/kurjuż/iħobb il-ħut<br>Il-**qattus** induna bil-ħuta/ra l-ħuta | 0 1 |
| **A13.** | Għan (Għ) | Il-**qattus** ried/iddeċieda li jaħtaf/jiekol/ikollu/jisraq il-ħuta<br>(Sabiex) + VERB (jiekol, jaqbad) | 0 1 |
| **A14.** | Tentattiv (T) | Il-**qattus** qed/kien qed jaħtaf/jiġbed/jieħu/jisraq il-ħuta<br>Il-**qattus** jaħtaf/jiġbed/jieħu l-ħuta (mill-barmil)/jiġġebbed għall-ħuta | 0 1 |

[1] Jekk għandek xi dubju jew it-tweġiba tat-tifel jew it-tifla ma tinstabx fil-formula evalwattiva, irreferi għall-manwal.

[2] Tagħti ebda punt f'każ ta' tweġiba ħażina jew l-ebda tweġiba, agħti punt għal tweġiba waħda tajba, 2 punti jekk issir referenza kemm għaż-żmien kif ukoll għall-post.

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | Il-**qattus** ipprova + VERB (jaqbad, jieħu) | |
| **A15.** | Riżultat (R) | Il-**qattus** kiel/qabad il-ħuta | 0 1 |
| **A16.** | TQI bħala reazzjoni | Il-**qattus** ħassu sodisfatt/hieni/kuntent/ferħan/ma kienx bil-ġuħ (aktar) | 0 1 |
| **A17.** | | **Punti b'kollox minn 17:** | |

**B. Kumplessità tal-Istruttura**

| Għadd ta' sekwenzi TR | Għadd ta' Għ waħidhom (mingħajr T jew R) | Għadd ta' sekwenzi GħT/GħR | Għadd ta' sekwenzi GħTR |
|---|---|---|---|
| B1. | B2. | B3. | B4. |
| | | | |

**Ċ. Termini tal-Qagħda Interna (TQI)**

| | |
|---|---|
| Ċ1. | Għadd totali ta' TQI. It-TQI jinkludu:<br>**Termini tal-qagħda perċettiva** eż. *tara, tisma', tħoss, ixxomm;*<br>**Termini tal-qagħda fiżjoloġika** eż. *bil-għatx, bil-ġuħ, għajjien, muġugħ, imweġġa';*<br>**Termini ta' koxjenza** eż. *ħaj, imqajjem, rieqed*;<br>**Termini ta' emozzjoni** eż. *imdejjaq, ferħan, hieni, irrabjat, inkwetat, iddiżappuntat*, *imbeżża', imwerwer, kburi, kuraġġuż,* (tħossok) *sigur, kuntent, mistagħġeb;*<br>**Verbi mentali** eż. *trid, taħseb, tagħraf, tinsa, tiddeċiedi, temmen, tistagħġeb, ikollok/tfassal pjan*;<br>**Verbi lingwistiċi/verbi tad-diskors/tar-rakkont** eż. *tgħid, issejjaħ, tgħajjat, twissi, tistaqsi.* |

## Taqsima II: Komprensjoni

| | | Eżempji ta' tweġibiet tajbin | Eżempji ta' tweġibiet ħżiena | Punti |
|---|---|---|---|---|
| 0 | Għoġbitek l-istorja? | **Mistoqsija ta' preparazzjoni, ma tingħatax punti** | | |
| **D1.** | Għala jaqbeż/jaqbeż 'il quddiem il-qattus? *(ipponta lejn stampi 1-2)* (Episodju 1: Għan) | Irid jaħtaf/jaqbad il-farfett/jiġri wara l-farfett/jilgħab mal-farfett<br>Irid il-farfett<br>(Sabiex) + VERB (jaqbad, jieħu) il-farfett | Sejjer/qed jiġri/ried jaqbeż<br>Il-qtates dejjem jaqbżu/jiġru | 0 1 |
| **D2.** | Kif qed iħossu l-qattus? *(ipponta lejn stampa 3)* (TQI bħala reazzjoni) | Irrabjat/ħażin/ iddiżappuntat/ imweġġa'/muġugħ/ mhux tajjeb/skomdu | Tajjeb/ferħan | 0 1 |
| **D3.** | *(Staqsi D3 biss jekk it-tifel jew it-tifla jagħtuk tweġiba tajba bla ebda spjegazzjoni/ raġuni f'D2. Jekk tingħata spjegazzjoni tajba f'D2, mela agħti punt f'D3 u għaddi għal D4.)*<br>Għala taħseb li l-qattus qed iħossu rrabjat/iddiżappuntat /imweġġa' eċċ.?[3] | Ma setax jaqbad il-farfett/waqa' fis-siġra ż-żgħira<br>Tweġġa' meta taqa' f'siġra żgħira tniggeż<br>Il-farfett jaħrab/ telaq 'l hemm | Tweġiba mhux f'lokha/irrelevanti | 0 1 |
| **D4.** | Għala t-tifel qiegħed iżomm il-qasba fl-ilma? *(ipponta lejn stampa 5)* (Episodju 2: Għan) | Irid iġib/jieħu l-ballun tiegħu (lura)<br>Irid il-ballun tiegħu (lura)<br>(Sabiex) + VERB (iġib, jieħu) il-ballun tiegħu (lura) | Biex jilgħab fl-ilma. | 0 1 |
| **D5.** | Kif qed iħossu t-tifel? *(ipponta lejn stampa 6)* (TQI bħala reazzjoni) | Tajjeb/sew/ferħan/ sodisfatt/kuntent | Ħażin/irrabjat/ imgħaddab/imdejjaq | 0 1 |
| **D6.** | *(Staqsi D6 biss jekk it-tifel jew it-tifla jagħtuk tweġiba tajba bla ebda spjegazzjoni/ raġuni f'D5. Jekk tingħata spjegazzjoni tajba f'D5, mela agħti punt f'D6 u għaddi għal D7.)*<br>Għala taħseb li t-tifel qed iħossu tajjeb/sew/ferħan/ sodisfatt eċċ.<br>?4 | Għandu/ġab il-ballun lura<br>Seta'/kien kapaċi + VERB (iġib, jieħu) | Qed jitbissem/hekk qed jidher/tweġiba oħra mhux xierqa | 0 1 |

[3] Uża l-istess TQI mogħti mit-tifel jew it-tifla meta wieġbu D2.
[4] Uża l-istess TQI mogħti mit-tifel jew it-tifla meta wieġbu D5.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **D7.** | Għala l-qattus jaħtaf il-ħuta?<br>*(ipponta lejn stampa 5)*<br>(Episodju 3: Għan) | Iddeċieda li/irid jiekol/ ikollu/jisraq/jieħu l-ħuta<br>Jaħtaf iċ-ċans/l-opportunità meta t-tifel mhux qed iħares<br>Ma qabadx il-farfett/ Ma setax jaħtaf/ jaqbad il-farfett<br>Il-qtates iħobbu l-ħut (tifsira ġenerika)<br>Il-ħut għandu togħma tajba/tajjeb | Irid jilgħab mal-ħuta | 0 1 |
| **D8.** | Immaġina li t-tifel jara l-qattus. Kif iħossu t-tifel?<br>*(ipponta lejn stampa 6)*<br>(TQI bħala reazzjoni) | Ħażin/irrabjat/imdejjaq/ imgħaddab/mhux tajjeb | Sew/tajjeb/ferħan/ sodisfatt/kuntent | 0 1 |
| **D9.** | *(Staqsi D9 biss jekk it-tifel jew it-tifla jagħtuk tweġiba tajba bla ebda spjegazzjoni/ raġuni f'D8. Jekk tingħata spjegazzjoni tajba f'D8, mela agħti punt f'D9 u għaddi għal D10.)*<br>Għala taħseb li t-tifel qed iħossu ħażin/irrabjat/ imgħaddab eċċ.?[5] | Il-qattus kiellu/qed jikollu/ħadlu/seraqlu l-ħuta tiegħu<br>It-tifel ried jikolha/li jkollu l-ħuta hu<br>Il-ħuta kienet tat-tifel | Il-qasba qiegħda mal-art jew tweġiba oħra mhux xierqa | 0 1 |
| **D10.** | Taħseb li t-tifel se jagħmel ħbieb mal-qattus? Għala? | Le – agħti mill-inqas raġuni waħda (il-qattus kiel/seraq il-ħuta) jew kwalunkwe tweġiba oħra xierqa | Iva/ma nafx/tweġiba oħra irrelevanti | 0 1 |
| **D11.** | | | **Punti b'kollox minn 10:** | |

[5] Uża l-istess TQI mogħti mit-tifel jew it-tifla meta wieġbu D8.

**Protokoll għal *Il-Kelb***

Rakkont / Rakkont mill-Ġdid / Storja-Mudell

| | |
|---|---|
| Isem it-tifel jew it-tifla: | ______________________ |
| Id-data tat-twelid: | ______________________ |
| Id-data tal-assessjar: | ______________________ |
| L-età waqt l-assessjar (f'xhur): | ______________________ |
| is-sess: | ______________________ |
| Isem l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi: | ______________________ |
| Espożizzjoni għal L2 (f'xhur): | ______________________ |
| Data tad-dħul fil-kindergarten: | ______________________ |
| Isem il-kindergarten: | ______________________ |

Qis li l-enveloppijiet ikunu kollha fuq il-mejda qabel ma jibda l-assessjar. Ipprepara t-tagħmir ta' awdjo-reġistrazzjoni sabiex tirrekordja s-sessjoni. Ibda rrekordja qabel il-fażi preparatorja.

**Fażi preparatorja**

Staqsi ngħidu aħna: *"Min huma l-akbar ħabib jew ħabiba tiegħek?"*, *"Xi tħobb tara fuq it-televixin?"*, *"Tħobb tirrakkonta l-istejjer?"*, *"Tħobb tisma' stejjer?"*

**Istruzzjonijiet**

**Istruzzjonijiet għal waqt ir-Rakkont**

Poġġi bilqiegħda faċċata tat-tifel jew it-tifla. Għid lit-tifel jew it-tifla: *"Ara, hawn għandek 3 enveloppijiet. Hemm storja differenti f'kull envelop. Agħżel wieħed u mbagħad tkun tista' tirrakkuntali storja."* Iftaħ l-istampi b'tali mod li t-tifel jew it-tifla biss ikunu jistgħu jaraw is-sekwenza sħiħa. *"L-ewwel irridek tħares lejn l-istorja sħiħa. Lest(a)?"*

Iftaħ l-ewwel 2 stampi. Għid lit-tifel jew it-tifla: *"Irrid <u>lilek</u> tirrakkuntali l-istorja. Ħares lejn l-istampi u pprova rrakkuntali <u>l-aħjar</u> storja li tista'."* Suġġeriment li tista' tagħmel jekk it-tifel jew it-tifla qed isibuha bi tqila biex jibdew: *"Irrakkuntali l-istorja"* (ipponta lejn l-istampa). Meta t-tifel jew it-tifla jispiċċaw jirrakkuntaw l-ewwel 2 stampi, iftaħ li jmiss (b'tali mod li l-istampi kollha minn 1 sa 4 jkunu jidhru). Erġa' rrepeti l-proċess sa tmiem l-istorja. Suġġerimenti li tista' tagħmel jekk it-tifel jew it-tifla jisktu f'nofs l-istorja: *"Xi ħaġa oħra?"*, *"Kompli"*, *"Irrakkuntali aktar"*, *"Ejja naraw x'ġara aktar fl-istorja."* Jekk it-tifel jew it-tifla jieqfu jitkellmu mingħajr ma juruk li spiċċaw jirrakkuntaw, għidilhom: *"Għidli meta tlesti."*

Meta t-tifel jew it-tifla jlestu, faħħarhom u mbagħad staqsihom il-mistoqsijiet tal-komprensjoni.

**Istruzzjonijiet għal waqt ir-Rakkont mill-Ġdid**

Poġġi bilqiegħda faċċata tat-tifel jew it-tifla. Għid lit-tifel jew it-tifla: *"Ara, hawn għandek 3 enveloppijiet. Hemm storja differenti f'kull envelop. Agħżel wieħed u mbagħad se nirrakkuntalek l-istorja."* Iftaħ l-istampi b'tali mod li t-tifel jew it-tifla biss ikunu jistgħu jaraw

is-sekwenza sħiħa. *"L-ewwel irridek tħares lejn l-istorja sħiħa. Lest(a)? Se nirrakkuntalek l-istorja u mbagħad tkun tista' terġa' tgħidhieli inti."*

Iftaħ l-istampi 1 u 2. *"L-istorja tibda hawn:* (ipponta lejn stampa 1). *Darba waħda kien hemm kelb vivaċi li ra ġurdien griż bilqiegħda ħdejn siġra. Qabeż 'il quddiem għax ried jaqbdu. Sadanittant, tifel ferrieħi kien ġej lura mix-xirja u f'idejh kellu basket u bużżieqa. Ħares lejn il-kelb jiġri wara l-ġurdien."*

Iftaħ l-istampi 3 u 4 (b'tali mod li l-istampi kollha minn 1 sa 4 jkunu qed jidhru). *"Il-ġurdien ħarab malajr u l-kelb daħal ġos-siġra. Weġġa' u kien irrabjat ħafna. It-tifel tant kien maħsud li l-bużżieqa ħarbitlu minn idu. Meta ra l-bużżieqa tiegħu ttirlu għal ġos-siġra, għajjat: 'Uff, ħarbitli l-bużżieqa!' Kien imdejjaq u ried iġib il-bużżieqa tiegħu lura. Sadanittant, il-kelb induna bil-basket tat-tifel u ħaseb: 'Irrid naħtaf zalzetta.'"*

Iftaħ l-istampi 5 u 6 (b'tali mod li l-istampi minn 1 sa 6 jkunu qed jidhru issa). *"Fl-istess ħin, it-tifel beda jiġbed il-bużżieqa tiegħu mis-siġra. Ma indunax li l-kelb kien ħataf zalzetta. Fl-aħħar mill-aħħar, il-kelb kien kuntent ħafna li kiel zalzetta daqshekk tajba u t-tifel kien ferħan li l-bużżieqa tiegħu ġabha lura.*

*U hekk spiċċat l-istorja."*

Iftaħ l-istampi b'tali mod li t-tifel jew it-tifla biss ikunu jistgħu jaraw l-ewwel 2 stampi. Għid lit-tifel jew it-tifla: *"Issa rrid <u>lilek</u> li tirrakkuntali l-istorja. Ħares lejn l-istampi u pprova rrakkuntali <u>l-aħjar</u> storja li tista'."* Suġġeriment li tista' tagħmel jekk it-tifel jew it-tifla qed isibuha bi tqila biex jibdew: *"Irrakkuntali l-istorja"* (ipponta lejn l-istampa). Meta t-tifel jew it-tifla jispiċċaw jirrakkuntaw l-ewwel 2 stampi, iftaħ li jmiss (b'tali mod li l-istampi kollha minn 1 sa 4 jkunu jidhru). Erġa' rrepeti l-proċess sakemm tasal sa tmiem l-istorja. Suġġerimenti li tista' tagħmel jekk it-tifel jew it-tifla jisktu f'nofs l-istorja: *"Xi ħaġa oħra?"*, *"Kompli"*, *"Irrakkuntali aktar"*, *"Ejja naraw x'ġara aktar fl-istorja"*. Jekk it-tifel jew it-tifla jieqfu jitkellmu mingħajr ma juruk li spiċċaw jirrakkuntaw, għidilhom: *"Għidli meta tlesti."* Meta t-tifel jew it-tifla jlestu, faħħarhom u mbagħad staqsihom il-mistoqsijiet tal-komprensjoni.

**Istruzzjonijiet għal waqt l-Istorja-Mudell**

Poġġi bilqiegħda faċċata tat-tifel jew it-tifla. Għid lit-tifel jew it-tifla: *"Ara, hawn għandek 3 enveloppijiet. Hemm storja differenti f'kull envelop. Agħżel wieħed u mbagħad se nirrakkuntalek l-istorja."* Iftaħ l-istampi b'tali mod li t-tifel jew it-tifla biss ikunu jistgħu jaraw is-sekwenza sħiħa. *"L-ewwel irridek tħares lejn l-istorja sħiħa. Lest(a)? Se nirrakkuntalek l-istorja u mbagħad se nistaqsik xi mistoqsijiet."*

Iftaħ l-istampi 1 u 2. *"L-istorja tibda hawn:* (ipponta lejn stampa 1). *Darba waħda kien hemm kelb vivaċi li ra ġurdien griż bilqiegħda ħdejn siġra. Qabeż 'il quddiem għax ried jaqbdu. Sadanittant, tifel ferrieħi kien ġej lura mix-xirja u f'idejh kellu basket u bużżieqa. Ħares lejn il-kelb jiġri wara l-ġurdien."*

Iftaħ l-istampi 3 u 4 (b'tali mod li l-istampi kollha minn 1 sa 4 jkunu qed jidhru). *"Il-ġurdien ħarab malajr u l-kelb daħal ġos-siġra. Weġġa' u kien irrabjat ħafna. It-tifel tant kien maħsud li l-bużżieqa ħarbitlu minn idu. Meta ra l-bużżieqa tiegħu ttirlu għal ġos-siġra, għajjat: 'Uff, ħarbitli l-bużżieqa!' Kien imdejjaq u ried iġib il-bużżieqa tiegħu lura. Sadanittant, il-kelb induna bil-basket tat-tifel u ħaseb: 'Irrid naħtaf zalzetta.'"*

Iftaħ l-istampi 5 u 6 (b'tali mod li l-istampi minn 1 sa 6 jkunu qed jidhru issa). *"Fl-istess ħin, it-tifel beda jiġbed il-bużżieqa tiegħu mis-siġra. Ma indunax li l-kelb kien ħataf zalzetta. Fl-aħħar mill-aħħar, il-kelb kien kuntent ħafna li kiel zalzetta daqshekk tajba u t-tifel kien ferħan li l-bużżieqa tiegħu ġabha lura.*

*U hekk spiċċat l-istorja."*

Wara li tlissen: *"U hekk spiċċat l-istorja"* staqsi l-mistoqsijiet tal-komprensjoni.

**Formula Evalwattiva għal *Il-Kelb***

**Taqsima I: Produzzjoni**

A. Struttura tal-Istorja; B. Kumplessità tal-Istruttura; Ċ. Termini tal-Qagħda Interna (TQI)

## A. Struttura tal-Istorja

| | | **Eżempji ta' tweġibiet tajbin**[6] | **Punti** |
|---|---|---|---|
| **A1.** | Kuntest | Referenza għaż-żmien u/jew għall-post, eż. darba fost l-oħrajn/darba waħda/ħafna żmien ilu... f'foresta/f'park/f'mergħa/f'għalqa/ħdejn siġra/qrib siġra/ħdejn it-triq | 0 1 2[7] |
| | | *Episodju 1: Il-Kelb (Il-karattri tal-episodju: kelb u ġurdien)* | |
| **A2.** | TQI bħala episodju inizjali | Il-**kelb** kien vivaċi/kurjuż<br>Il-**kelb** ra ġurdien | 0 1 |
| **A3.** | Għan (Għ) | Il-**kelb** ried jaqbad/jaħtaf il-ġurdien/jiġri wara l-ġurdien/jilgħab mal-ġurdien<br>(Sabiex) + VERB (jaqbad, jaħtaf, jilgħab ma') | 0 1 |
| **A4.** | Tentattiv (T) | Il-**kelb** qabeż 'il quddiem/'il fuq<br>Il-**kelb** ġera wara/beda jiġri wara<br>Il-**kelb** ipprova + VERB (jaqbad, jaħtaf, iġib) | 0 1 |
| **A5.** | Riżultat (R) | Il-**kelb** ħabat rasu/daħal ġos-siġra/ma qabadx il-ġurdien/ma kienx ħafif biżżejjed<br>Il-**ġurdien** ħarab/ġera wara s-siġra/il-ġurdien kien wisq ħafif | 0 1 |
| **A6.** | TQI bħala reazzjoni | Il-**kelb** kien iddiżappuntat/irrabjat/imweġġa'<br>Il-**ġurdien** kien ferħan/hieni/ħa r-ruħ | 0 1 |
| | | *Episodju 2: It-Tifel (il-karattru tal-episodju: tifel)* | |
| **A7.** | TQI bħala episodju inizjali | It-**tifel** kien imdejjaq/imnikket/inkwetat minħabba l-bużżieqa tiegħu<br>It-**tifel** ra l-bużżieqa fis-siġra | 0 1 |
| **A8.** | Għan (Għ) | It-**tifel** iddeċieda li/ried iġib il-bużżieqa tiegħu lura<br>(Sabiex) + VERB (iġib) lura | 0 1 |
| **A9.** | Tentattiv (T) | It-**tifel** kien qed/qed jiġbed/ipprova jiġbed il-bużżieqa mis-siġra<br>It-**tifel** qabeż wara l-bużżieqa/iġġebbed għal (għall-bużżieqa)/kien qed/qed jixxabbat ma' (mas-siġra) | 0 1 |
| **A10.** | Riżultat (R) | It-**tifel** reġa'/ġab il-bużżieqa tiegħu lura<br>Il-**bużżieqa** reġa' ġabha lura | 0 1 |
| **A11.** | TQI bħala reazzjoni | It-**tifel** ħassu hieni/ferħan/sodisfatt/kuntent/ħa r-ruħ (li ġab/kellu l-bużżieqa tiegħu lura) | 0 1 |
| | | *Episodju 3: Il-Kelb (Il-karattru tal-episodju: kelb)* | |
| **A12.** | TQI bħala episodju inizjali | Il-**kelb** ra z-zalzett/induna biz-zalzett (fil-basket)<br>Il-**kelb** kien bil-ġuħ/kurjuż/iħobb iz-zalzett | 0 1 |
| **A13.** | Għan (Għ) | Il-**kelb** ried/iddeċieda li jaqbad/jaħtaf/jiekol/ikollu/ jisraq iz-zalzett | 0 1 |

[6] Jekk għandek xi dubju jew it-tweġiba tat-tifel jew it-tifla ma tinstabx fil-formula evalwattiva, irreferi għall-manwal.

[7] Tagħti ebda punt f'każ ta' tweġiba ħażina jew l-ebda tweġiba, agħti punt għal tweġiba waħda tajba, 2 punti jekk issir referenza kemm għaż-żmien kif ukoll għall-post.

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | (Sabiex) + VERB (jiekol, jaqbad) | |
| **A14.** | Tentattiv (T) | Il-**kelb** qed/kien qed jaħtaf/jiġbed/jieħu/jisraq iz-zalzett<br>Il-**kelb** jaħtaf/jiġbed/jieħu z-zalzett (mill-basket)/ jiġġebbed għaz-zalzett<br>Il-**kelb** ipprova + VERB (jaqbad, jieħu) | 0 1 |
| **A15.** | Riżultat (R) | Il-**kelb** kiel/qabad iz-zalzett | 0 1 |
| **A16.** | TQI bħala reazzjoni | Il-**qattus** ħassu sodisfatt/hieni/kuntent/ferħan/ma kienx bil-ġuħ (aktar) | 0 1 |
| **A17.** | **Punti b'kollox minn 17:** | | |

### B. Kumplessità tal-Istruttura

| Għadd ta' sekwenzi TR | Għadd ta' Għ waħidhom (mingħajr T jew R) | Għadd ta' sekwenzi GħT/GħR | Għadd ta' sekwenzi GħTR |
|---|---|---|---|
| B1. | B2. | B3. | B4. |
| | | | |

### Ċ. Termini tal-Qagħda Interna (TQI)

| | |
|---|---|
| Ċ1. | Għadd totali ta' TQI. It-TQI jinkludu:<br>**Termini tal-qagħda perċettiva** eż. *tara, tisma', tħoss, ixxomm*;<br>**Termini tal-qagħda fiżjoloġika** eż. *bil-għatx, bil-ġuħ, għajjien, muġugħ, imweġġa';*<br>**Termini ta' koxjenza** eż. *ħaj, imqajjem, rieqed;*<br>**Termini ta' emozzjoni** eż. *imdejjaq, ferħan, hieni, irrabjat, inkwetat, iddiżappuntat, imbeżżà', imwerwer, kburi, kuraġġuż, (tħossok) sigur, kuntent, mistagħġeb;*<br>**Verbi mentali** eż. *trid, taħseb, tagħraf, tinsa, tiddeċiedi, temmen, tistagħġeb, ikollok/tfassal pjan;*<br>**Verbi lingwistiċi/verbi tad-diskors/tar-rakkont** eż. *tgħid, issejjaħ, tgħajjat, twissi, tistaqsi.* |

## Taqsima II: Komprensjoni

| | | Eżempji ta' tweġibiet tajbin | Eżempji ta' tweġibiet ħżiena | Punti |
|---|---|---|---|---|
| **0** | Għoġbitek l-istorja? | **Mistoqsija ta' preparazzjoni, ma tingħatax punti** | | |
| **D1.** | Għala jaqbeż/jaqbeż 'il quddiem il-kelb? *(ipponta lejn stampi 1-2)* (Episodju 1: Għan) | Irid jaħtaf/jaqbad il-ġurdien/jiġri wara l-ġurdien/jilgħab mal-ġurdien<br>Irid il-ġurdien<br>(Sabiex) + VERB (jaqbad, jieħu) il-ġurdien | Sejjer/qed jiġri/ried jaqbeż<br>Il-klieb dejjem jaqbżu | 0 1 |
| **D2.** | Kif qed iħossu l-kelb? *(ipponta lejn stampa 3)* (TQI bħala reazzjoni) | Irrabjat/ħażin/ iddiżappuntat/imweġġa '/ muġugħ/mhux tajjeb/ skomdu | Tajjeb/ferħan | 0 1 |
| **D3.** | *(Staqsi D3 biss jekk it-tifel jew it-tifla jagħtuk tweġiba tajba bla ebda spjegazzjoni /raġuni f'D2. Jekk tingħata spjegazzjoni tajba f'D2, mela agħti punt f'D3 u għaddi għal D4.)*<br>Għala taħseb li l-kelb qed iħossu rrabjat/ iddiżappuntat/imweġġ a' eċċ.?[8] | Ma setax jaqbad il-ġurdien/ħabat rasu/ daħal ġos-siġra<br>Tweġġa' meta tidħol ġo/ ġo(s-)siġra<br>Il-ġurdien ħarab/telaq 'l hemm | Tweġiba mhux f'lokha/irrelevanti | 0 1 |
| **D4.** | Għala jaqbeż/jaqbeż 'il fuq it-tifel? *(ipponta lejn stampa 5)* (Episodju 2: Għan) | Irid iġib/jieħu l-bużżieqa tiegħu (lura)<br>Irid il-bużżieqa tiegħu (lura)<br>(Sabiex) + VERB (iġib, jieħu) il-bużżieqa tiegħu (lura) | Biex jixxabbat mas-siġra/jixxabbat mas-siġar | 0 1 |
| **D5.** | Kif qed iħossu t-tifel? *(ipponta lejn stampa 6)* (TQI bħala reazzjoni) | Tajjeb/sew/ferħan/ sodisfatt/kuntent | Ħażin/irrabjat/ imgħaddab/imdejjaq | 0 1 |
| **D6.** | *(Staqsi D6 biss jekk it-tifel jew it-tifla jagħtuk tweġiba tajba bla ebda spjegazzjoni /raġuni f'D5. Jekk tingħata spjegazzjoni tajba f'D5, mela agħti punt f'D6 u għaddi għal D7.)* | Reġa' għandu/ġab il-bużżieqa lura<br>Seta'/kien kapaċi + VERB (iġib, jieħu) il-bużżieqa | Qed jitbissem/hekk qed jidher/qiegħed bilwieqfa jew tweġiba oħra mhux xierqa | 0 1 |

[8] Uża l-istess TQI mogħti mit-tifel jew it-tifla meta wieġbu D2.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | Għala taħseb li t-tifel qed iħossu tajjeb/ferħan eċċ.?[9] | | | |
| **D7.** | Għala l-kelb jaħtaf iz-zalzett? *(ipponta lejn stampa 5)* (Episodju 3: Għan) | Iddeċieda li/irid jiekol/ ikollu/jisraq iz-zalzett<br>Jaħtaf iċ-ċans/l-opportunità meta t-tifel mhux qed iħares<br>Ma qabadx il-ġurdien/ ma setax jaħtaf/jaqbad il-ġurdien<br>Il-klieb iħobbu z-zalzett/ il-laħam (tifsira ġenerika)<br>Iz-zalzett tajjeb/għandu togħma tajba | Irid jilgħab bil-basket | 0 1 |
| **D8.** | Immaġina li t-tifel jara l-kelb. Kif qed iħossu t-tifel? *(ipponta lejn stampa 6)* (TQI bħala reazzjoni) | Ħażin/irrabjat/imdejjaq/ imgħaddab<br>mhux tajjeb | Tajjeb/sew/ferħan/ sodisfatt/kuntent | 0 1 |
| **D9.** | *(Staqsi D9 biss jekk it-tifel jew it-tifla jagħtuk tweġiba tajba bla ebda spjegazzjoni /raġuni f'D8. Jekk tingħata spjegazzjoni tajba f'D8, mela agħti punt f'D9 u għaddi għal D10.)* Għala taħseb li t-tifel qed iħossu ħażin/irrabjat/ imgħaddab eċċ.?[10] | Il-kelb kiellu/qed jikollu/ ħadlu/seraqlu z-zalzett tiegħu<br>It-tifel ried jikollu/li jkollu z-zazlett hu<br>Iz-zalzett kien tat-tifel | Tweġiba mhux xierqa | 0 1 |
| **D10.** | Taħseb li t-tifel se jagħmel ħbieb mal-kelb? Għala? | Le – agħti mill-inqas raġuni waħda (il-kelb kiel/seraq iz-zalzett) jew kwalunkwe tweġiba oħra xierqa | Iva/ma nafx/tweġiba oħra irrelevanti | 0 1 |
| **D11.** | | | **Punti b'kollox minn 10:** | |

[9] Uża l-istess TQI mogħti mit-tifel jew it-tifla meta wieġbu D5.
[10] Uża l-istess TQI mogħti mit-tifel jew it-tifla meta wieġbu D8.

## Protokoll għal *Il-Psiepes*

Rakkont / Rakkont mill-Ġdid / Storja-Mudell

| | |
|---|---|
| Isem it-tifel jew it-tifla: | ______________________ |
| Id-data tat-twelid: | ______________________ |
| Id-data tal-assessjar: | ______________________ |
| L-età waqt l-assessjar (f'xhur): | ______________________ |
| Is-sess: | ______________________ |
| Isem l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi: | ______________________ |
| Espożizzjoni għal L2 (f'xhur): | ______________________ |
| Id-data tad-dħul fil-kindergarten: | ______________________ |
| Isem il-kindergarten: | ______________________ |

Qis li l-enveloppijiet ikunu kollha fuq il-mejda qabel ma jibda l-assessjar. Ipprepara t-tagħmir ta' awdjo-reġistrazzjoni sabiex tirrekordja s-sessjoni. Ibda rrekordja qabel il-fażi preparatorja.

### Fażi preparatorja

Staqsi ngħidu aħna: *"Min huma l-akbar ħabib jew ħabiba tiegħek?"*, *"Xi tħobb tara fuq it-televixin?"*, *"Tħobb tirrakkonta l-istejjer?"*, *"Tħobb tisma' l-stejjer?"*

### Istruzzjonijiet

### Istruzzjonijiet għal waqt ir-Rakkont

Poġġi bilqiegħda faċċata tat-tifel jew it-tifla. Għid lit-tifel jew it-tifla: *"Ara, hawn għandek 3 enveloppijiet. Hemm storja differenti f'kull envelop. Agħżel wieħed u mbagħad tkun tista' tirrakkuntali storja."* Iftaħ l-istampi b'tali mod li t-tifel jew it-tifla biss ikunu jistgħu jaraw is-sekwenza sħiħa. *"L-ewwel irridek tħares lejn l-istorja sħiħa. Lest(a)?"*

Iftaħ l-ewwel 2 stampi. Għid lit-tifel jew it-tifla: *"Issa rrid lilek li tirrakkuntali l-istorja. Ħares lejn l-istampi u pprova rrakkuntali l-aħjar storja li tista'."* Suġġeriment li tista' tagħmel jekk it-tifel jew it-tifla qed isibuha bi tqila biex jibdew: *"Irrakkuntali l-istorja"* (ipponta lejn l-istampa). Meta t-tifel jew it-tifla jispiċċaw jirrakkuntaw l-ewwel 2 stampi, iftaħ li jmiss (b'tali mod li l-istampi kollha minn 1 sa 4 jkunu jidhru). Erġa' rrepeti l-proċess sa tmiem l-istorja. Suġġerimenti li tista' tagħmel jekk it-tifel jew it-tifla jisktu f'nofs l-istorja: *"Xi ħaġa oħra?"*, *"Kompli"*, *"Irrakkuntali aktar"*, *"Ejja naraw x'ġara aktar fl-istorja."* Jekk it-tifel jew it-tifla jieqfu jitkellmu mingħajr ma juruk li spiċċaw jirrakkuntaw, għidilhom: *"Għidli meta tlesti."*

Meta t-tifel jew it-tifla jlestu, faħħarhom u mbagħad staqsihom il-mistoqsijiet tal-komprensjoni.

### Istruzzjonijiet għal waqt ir-Rakkont mill-Ġdid

Poġġi bilqiegħda faċċata tat-tifel jew it-tifla. Għid lit-tifel jew it-tifla: *"Ara, hawn għandek 3 enveloppijiet. Hemm storja differenti f'kull envelop. Agħżel wieħed u mbagħad se nirrakkuntalek l-istorja."* Iftaħ l-istampi b'tali mod li t-tifel jew it-tifla biss ikunu jistgħu jaraw

is-sekwenza sħiħa. *“L-ewwel irridek tħares lejn l-istorja sħiħa. Lest(a)? Se nirrakkuntalek l-istorja u mbagħad tkun tista’ terġa’ tgħidhieli inti.”*

Iftaħ l-istampi 1 u 2. *“L-istorja tibda hawn:* (ipponta lejn stampa 1). *Darba waħda kien hemm għasfura u rat li l-psiepes tagħha kienu bil-ġuħ. Taret ’il bogħod għax riedet issibilhom l-ikel. Qattus bil-ġuħ ra lill-għasfura ttir ’il bogħod u qal: ‘Mmm, tajjeb, x’qed nara hawn fil-bejta?’”*

Iftaħ l-istampi 3 u 4 (b’tali mod li l-istampi kollha minn 1 sa 4 jkunu qed jidhru). *“L-għasfura ġiet lura b’dudu kbir għaż-żgħar tagħha, imma lill-qattus ma ratux. Kienet ferħana bid-dudu oħxon għall-psiepes tagħha. Sadanittant, il-qattus il-ħażin beda tiela’ mas-siġra għax ried jaqbad pespus. Ħataf wieħed mill-psiepes. Kelb qalbieni li kien għaddej induna li l-għasafar kienu f’periklu kbir. Iddeċieda li jwaqqaf lill-qattus u jsalvahom.”*

Iftaħ l-istampi 5 u 6 (b’tali mod li l-istampi minn 1 sa 6 jkunu qed jidhru issa). *“Lill-qattus qallu: ‘Ħallihom lill-psiepes.’ Imbagħad ħataf denb il-qattus u ġibdu ’l isfel. Il-qattus telaq lill-pespus u l-kelb keċċieh ’l hemm. Il-kelb kien kuntent ħafna li seta’ jsalva lill-psiepes, u l-qattus baqa’ bil-ġuħ.*

*U hekk spiċċat l-istorja.”*

Iftaħ l-istampi b’tali mod li t-tifel jew it-tifla biss ikunu jistgħu jaraw l-ewwel 2 stampi. Għid lit-tifel jew it-tifla: *“Issa rrid lilek li tirrakkuntali l-istorja. Ħares lejn l-istampi u pprova rrakkuntali l-aħjar storja li tista’.”* Suġġeriment li tista’ tagħmel jekk it-tifel jew it-tifla qed isibuha bi tqila biex jibdew: *“Irrakkuntali l-istorja*” (ipponta lejn l-istampa). Meta t-tifel jew it-tifla jispiċċaw jirrakkuntaw l-ewwel 2 stampi, iftaħ li jmiss (b’tali mod li l-istampi kollha minn 1 sa 4 jkunu jidhru). Erġa’ rrepeti l-proċess sakemm tasal sa tmiem l-istorja. Suġġerimenti li tista’ tagħmel jekk it-tifel jew it-tifla jisktu f’nofs l-istorja: *“Xi ħaġa oħra?”*, *“Kompli”*, *“Irrakkuntali aktar”*, *“Ejja naraw x’ġara aktar fl-istorja”*. Jekk it-tifel jew it-tifla jieqfu jitkellmu mingħajr ma juruk li spiċċaw jirrakkuntaw, għidilhom: *“Għidli meta tlesti.”*

Meta t-tifel jew it-tifla jlestu, faħħarhom u mbagħad staqsihom il-mistoqsijiet tal-komprensjoni.

### Istruzzjonijiet għal waqt l-Istorja-Mudell

Poġġi bilqiegħda faċċata tat-tifel jew it-tifla. Għid lit-tifel jew it-tifla: *“Ara, hawn għandek 3 enveloppijiet. Hemm storja differenti f’kull envelop. Agħżel wieħed u mbagħad se nirrakkuntalek l-istorja.”* Iftaħ l-istampi b’tali mod li t-tifel jew it-tifla biss ikunu jistgħu jaraw is-sekwenza sħiħa. *“L-ewwel irridek tħares lejn l-istorja sħiħa. Lest(a)? Se nirrakkuntalek l-istorja u mbagħad se nistaqsik xi mistoqsijiet.”*

Iftaħ l-istampi 1 u 2. *“L-istorja tibda hawn:* (ipponta lejn stampa 1). *Darba waħda kien hemm għasfura u rat li l-psiepes tagħha kienu bil-ġuħ. Taret ’il bogħod għax riedet issibilhom l-ikel. Qattus bil-ġuħ ra lill-għasfura ttir ’il bogħod u qal: ‘Mmm, tajjeb, x’qed nara hawn fil-bejta?’”*

Iftaħ l-istampi 3 u 4 (b’tali mod li l-istampi kollha minn 1 sa 4 jkunu qed jidhru). *“L-għasfura ġiet lura b’dudu kbir għaż-żgħar tagħha, imma lill-qattus ma ratux. Kienet ferħana bid-dudu oħxon għall-psiepes tagħha. Sadanittant, il-qattus il-ħażin beda tiela’ mas-siġra għax ried jaqbad pespus. Ħataf wieħed mill-psiepes. Kelb qalbieni li kien għaddej induna li l-għasafar kienu f’periklu kbir. Iddeċieda li jwaqqaf lill-qattus u jsalvahom.”*

Iftaħ l-istampi 5 u 6 (b’tali mod li l-istampi minn 1 sa 6 jkunu qed jidhru issa). *“Lill-qattus qallu: ‘Ħallihom lill-psiepes.’ Imbagħad ħataf denb il-qattus u ġibdu ’l isfel. Il-qattus telaq lill-pespus u l-kelb keċċieh ’l hemm. Il-kelb kien kuntent ħafna li seta’ jsalva lill-psiepes, u l-qattus baqa’ bil-ġuħ.*

*U hekk spiċċat l-istorja.”*

Wara li tlissen: *“U hekk spiċċat l-istorja”* staqsi l-mistoqsijiet tal-komprensjoni.

**Formula Evalwattiva għal *Il-Psiepes***

**Taqsima I: Produzzjoni**

A. Struttura tal-Istorja; B. Kumplessità tal-Istruttura; Ċ. Termini tal-Qagħda Interna (TQI)

**A. Struttura tal-Istorja**

| | | **Eżempji ta' tweġibiet tajbin**[11] | **Punti** |
|---|---|---|---|
| **A1.** | Kuntest | Referenza għaż-żmien u/jew għall-post, eż. darba fost l-oħrajn/darba waħda/ħafna żmien ilu... f'foresta/f'mergħa/fi ġnien/f'għalqa/f'bejta tal-għasafar/fuq siġra | 0 1 2[12] |
| *Episodju 1: L-Omm/L-Għasfura (Il-karattri tal-episodju: għasfura omm u psiepes)* | | | |
| **A2.** | TQI bħala episodju inizjali | Il-**psiepes** kienu bil-ġuħ/riedu l-ikel/bdew jibku għall-ikel/ talbu l-ikel<br>**<L-omm/L-għasfura/Il-ġenitur, eċċ.>** rat li l-psiepes kienu bil-ġuħ/riedu l-ikel | 0 1 |
| **A3.** | Għan (Għ) | L-**għasfura** riedet titma l-psiepes/taqbad/tipprovdi/iġġib/ issib l-ikel/id-dud<br>(Sabiex) + VERB (iġġib l-ikel) | 0 1 |
| **A4.** | Tentattiv (T) | L-**għasfura** taret 'il bogħod/telqet 'il bogħod/marret tfittex l-ikel/kienet qed iddur għall-ikel<br>L-**għasfura** ppruvat + VERB (iġġib l-ikel) | 0 1 |
| **A5.** | Riżultat (R) | L-**għasfura** ġabet/qabdet/ipprovdiet l-ikel/ġiet lura bl-ikel/ b'dudu/temgħet lill-frieħ<br>Il-**psiepes** ġabitilhom l-ikel/dudu | 0 1 |
| **A6.** | TQI bħala reazzjoni | L-**għasfura** kienet ferħana/sodisfatta/kuntenta<br>Il-**psiepes** kienu ferħanin/sodisfatti/kuntenti/ma kenux aktar bil-ġuħ | 0 1 |
| *Episodju 2: Il-Qattus (Il-karattri tal-episodju: qattus u pespus/psiepes)* | | | |
| **A7.** | TQI bħala episodju inizjali | Il-**qattus** ra 'l-omm ittir 'il bogħod/ra li l-psiepes kienu għal kollox waħidhom/ra li kien hemm l-ikel<br>Il-**qattus** kien bil-ġuħ/ħaseb li kienu se jinżlulu għasel | 0 1 |
| **A8.** | Għan (Għ) | Il-**qattus** ried jiekol/jaqbad/joqtol lill-pespus/psiepes<br>(Sabiex) + VERB (jiekol, jaqbad, joqtol, jaħtaf) | 0 1 |
| **A9.** | Tentattiv (T) | Il-**qattus** kien qed/qed jixxabbat mas-siġra<br>Il-**qattus** prova jiġġebbed għall-pespus/jaqbad il-pespus<br>Il-**qattus** ixxabbat/qabeż għal fuq (is-siġra) | 0 1 |
| **A10.** | Riżultat (R) | Il-**qattus** ħataf/qabad lill-pespus<br>Il-**qattus** kien kważi/għoddu + VERB (qabad, ħataf) | 0 1 |
| **A11.** | TQI bħala reazzjoni | Il-**qattus** kien ferħan<br>L-**għasfur/għasafar** kien(u) imbeżżża'/imbeżżgħa/ beda/bdew jibki/jibku/iwerżaq/iwerżqu bl-uġigħ | 0 1 |
| *Episodju 3: Il-Kelb (il-karattri tal-episodju: kelb, qattus u pespus/psiepes)* | | | |
| **A12.** | TQI bħala episodju inizjali | Il-**kelb** ra li l-għasfur kien fil-periklu/ra li l-qattus qabad l-għasfur<br>L-**għasfur/għasafar** kien(u) fil-periklu | 0 1 |
| **A13.** | Għan (Għ) | Il-**kelb** iddeċieda li/ried iwaqqaf lill-qattus | 0 1 |

[11] Jekk għandek xi dubju jew it-tweġiba tat-tifel jew it-tifla ma tinstabx fil-formula evalwattiva, irreferi għall-manwal.

[12] Tagħti ebda punt f'każ ta' tweġiba ħażina jew l-ebda tweġiba, agħti punt għal tweġiba waħda tajba, 2 punti jekk issir referenza kemm għaż-żmien kif ukoll għall-post.

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | Il-**kelb** iddeċieda li/ried jgħin/jipproteġi/isalva/jeħles lill-għasfur/għasafar<br>(Sabiex) + VERB (iwaqqaf, jeħles, jgħin) | |
| **A14.** | Tentattiv (T) | Il-**kelb** qed/kien qed jiġbed 'il-qattus 'l isfel/jigdem/jattakka lill-qattus/jaħtaf denb il-qattus<br>Il-**kelb** ipprova + VERB (jiġbed, ikaxkar, iniżżel 'l isfel)<br>Il-**kelb** ġibed/kaxkar il-qattus 'l isfel/gidem/attakka lill-qattus/ħataf denb il-qattus | 0 1 |
| **A15.** | Riżultat (R) | Il-**kelb** keċċa 'l-qattus ('l hemm)/beżża' lill-qattus<br>Il-**qattus** telaq lill-pespus/ħarab 'l hemm<br>L-**għasfur/għasafar** kien(u) salvat(i)/meħlus(in) | 0 1 |
| **A16.** | TQI bħala reazzjoni | Il-**kelb** ħa r-ruħ/kien ferħan/ħassu kburi (li kien salva/ħeles lill-pespus)<br>Il-**qattus** kien irrabjat/iddiżappuntat/ma ħassux tajjeb/kien imgħaddab/imbeżża'/muġugħ/denb il-qattus beda juġgħu<br>L-**għasfur/għasafar** ħa(du) r-ruħ/kien(u) ferħan(in)/ protett(i)<br>L-**għasfura** ħadet ir-ruħ/kienet ferħana | 0 1 |
| **A17.** | | **Punti b'kollox minn 17:** | |

**B. Kumplessità tal-Istruttura**

| Għadd ta' sekwenzi TR | Għadd ta' Għ waħidhom (mingħajr T jew R) | Għadd ta' sekwenzi GħT / GħR | Għadd ta' sekwenzi GħTR |
|---|---|---|---|
| B1. | B2. | B3. | B4. |
| | | | |

**Ċ. Termini tal-Qagħda Interna (TQI)**

| | |
|---|---|
| Ċ1. | Għadd totali ta' TQI. It-TQI jinkludu:<br>**Termini tal-qagħda perċettiva** eż. *tara, tisma', tħoss, ixxomm*;<br>**Termini tal-qagħda fiżjoloġika** eż. *bil-għatx, bil-ġuħ, għajjien, muġugħ, imweġġa';*<br>**Termini ta' koxjenza** eż. *ħaj, imqajjem, rieqed;*<br>**Termini ta' emozzjoni** eż. *imdejjaq, ferħan, hieni, irrabjat, inkwetat, iddiżappuntat, imbeżża', imwerwer, kburi, kuraġġuż, (tħossok) sigur, kuntent, mistagħġeb;*<br>**Verbi mentali** eż. *trid, taħseb, tagħraf, tinsa, tiddeċiedi, temmen, tistagħġeb, ikollok/tfassal pjan;*<br>**Verbi lingwistiċi/verbi tad-diskors/tar-rakkont** eż. *tgħid, issejjaħ, tgħajjat, twissi, tistaqsi.* |

## Taqsima II: Komprensjoni

| | | Eżempji ta' tweġibiet tajbin | Eżempji ta' tweġibiet ħżiena | Punti |
|---|---|---|---|---|
| **0** | Għoġbitek l-istorja? | **Mistoqsija ta' preparazzjoni, ma tingħatax punti** | | |
| **D1.** | Għala l-għasfura taret 'il bogħod?<br>*(ipponta lejn stampi 1-2)*<br>(Episodju 1: Għan/TQI bħala episodju inizjali) | Riedet tipprovdi/iġġib l-ikel/ id-dud għall-psiepes/<br>(Sabiex) + VERB (titma) lill-psiepes<br>Il-psiepes bil-ġuħ | Telqet għax-xogħol/sejra x-xogħol<br>Sejra ġġib lill-papà<br>Imbeżżgħa/ imwerwra | 0 1 |
| **D2.** | Kif qed iħossuhom il-psiepes?<br>*(ipponta lejn stampa 1)*<br>(TQI bħala episodju inizjali) | Ħażin/bil-ġuħ<br>Iridu l-ikel | Tajjeb/sew/ ferħanin/ maħsudin/ waħidhom/ imbeżżgħin/ imwerwrin | 0 1 |
| **D3.** | *(Staqsi D3 biss jekk it-tifel jew it-tifla jagħtuk tweġiba tajba bla ebda spjegazzjoni/raġuni f'D2. Jekk tingħata spjegazzjoni tajba f'D2, mela agħti punt f'D3 u għaddi għal D4.)*<br>Għala taħseb li l-psiepes qed iħossuhom ħażin/bil-ġuħ eċċ.?[13] | Ħalqhom miftuħ/qed jittallbu l-ikel<br>Qed iwerżqu: "Irridu l-ikel/ għandna l-ġuħ"<br>Ommhom marret iġġib l-ikel/ ġiet lura b'dudu biex titmagħhom<br>Il-psiepes dejjem bil-ġuħ (tifsira ġenerika) | Kuntenti/qed ipespsu/<br>Riedu jmorru mal-mamà/<br>Qed jibżgħu mill-qattus/jibżgħu għax raw il-qattus/Qed iħossuhom ħażin/ imbeżżgħin għax ommhom taret 'il bogħod | 0 1 |
| **D4.** | Għala l-qattus tela' mas-siġra?<br>*(ipponta lejn stampa 3)*<br>(Episodju 2: Għan) | Irid jaqbad/joqtol/jiekol 'il-pespus/<br>Irid 'il-pespus<br>(Sabiex) + VERB (jaqbad, joqtol, jiekol) pespus/lill-pespus<br>Ma setax jegħleb il-leblieba li kellu għall-pespus/jaħtaf l-opportunità meta ommhom telqet/mhux hemm<br>Il-qtates iħobbu jieklu/jaqbdu 'l-għasafar (tifsira ġenerika) | Biex jilgħab mal-psiepes | 0 1 |
| **D5.** | Kif qed iħossu l-qattus?<br>*(ipponta lejn stampi 5-6)*<br>(TQI bħala reazzjoni) | Ħażin/(għadu) bil-ġuħ/irrabjat/ imgħaddab/imdejjaq/ imbeżża'/muġugħ/stupidu/ iddiżappuntat | Tajjeb/sew/ ferħan/vivaċi/qed jiġri | 0 1 |
| **D6.** | *(Staqsi D6 biss jekk it-tifel jew it-tifla jagħtuk tweġiba tajba bla ebda spjegazzjoni/raġuni f'D5. Jekk tingħata spjegazzjoni tajba f'D5,* | Ma qabadx il-psiepes/ma rnexxilux<br>Imwerwer/imbeżża' mill-kelb<br>Il-kelb qed jattakka/jigdem/ jiġri | Ferħan/vivaċi/<br>qed jibda jtir/ hekk jidher<br>Il-kelb ħa l-ikel tal-qattus/<br>Il-kelb irid jiekol lill-qattus | 0 1 |

13 Uża l-istess TQI mogħti mit-tifel jew it-tifla meta wieġbu D2.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | *mela agħti punt f'D6 u għaddi għal D7.)*<br>Għala taħseb li l-qattus qed iħossu ħażin/bil-ġuħ/ imbeżża' eċċ.?[14] | wara/jiġbed/jigdem denb il-qattus<br>*Jekk it-tweġiba għal D5 hi "ħażin/irrabjat", it-tweġiba għal D6 tista' wkoll tkun:* għadu bil-ġuħ | Ma nafx | |
| **D7.** | Għala l-kelb jaħtaf denb il-qattus? *(ipponta lejn stampa 5)*<br>(Episodju 3: Għan) | Jiddeċiedi li/irid isalva/jeħles/ jgħin/jipproteġi lill-għasafar<br>Jiddeċiedi li/irid iwaqqaf lill-qattus/biex iġiegħel lill-qattus jerħi 'l-għasfur (Sabiex) + VERB (isalva, jeħles, jgħin, jipproteġi)<br>Ħalli b'hekk l-għasfur/għasafar ma jittikilx/jittiklux/ jinqatilx/jinqatlux/ iweġġax/iweġġgħux | Irid jieklu hu lill-għasfur/irid jiekol lill-qattus/Irid jilgħab mal-qattus<br>Il-klieb jobogħdu/ ma jħobbux lill-qtates (tifsira ġenerika) | 0 1 |
| **D8.** | Immaġina li l-kelb jara l-għasafar. Kif qed iħossu l-kelb? *(ipponta lejn stampa 6)*<br>(TQI bħala reazzjoni) | Tajjeb/sew/ferħan/ħa r-ruħ/ kuntent/sodisfatt/kburi/ut li<br>Bħala protettur/eroj<br>Iħobb jipproteġihom | Ħażin/irrabjat/ imgħaddab/ imdejjaq/ iddispjaċut/ stupidu/irrabjat<br>"Irrid naqbad lill-qattus" | 0 1 |
| **D9.** | *(Staqsi D9 biss jekk it-tifel jew it-tifla jagħtuk tweġiba tajba bla ebda spjegazzjoni/raġuni f'D8. Jekk tingħata spjegazzjoni tajba f'D8, mela agħti punt f'D9 u għaddi għal D10.)*<br>Għala taħseb li l-kelb qed iħossu tajjeb/sew/ferħan/ sodisfatt eċċ.?[15] | Waqqaf lill-qattus/ineħħi/ neħħa 'l-qattus minn hemm<br>Salva/ħeles/għen lill-għasafar<br>Jara li l-għasafar huma protetti/ferħanin/ma weġġgħux<br>Issa l-qattus mhux se jerġa' jiġi | Qed jitbissem/ hekk jidher<br>Ma qabadx lill-qattus<br>Irid jikolhom hu lill-għasafar<br>Irrabjat mal-qattus | 0 1 |
| **D10.** | Lil min tħobb l-aktar l-għasfura, lill-qattus jew lill-kelb? Għala? | Il-kelb – agħti mqar raġuni waħda (salva/għen lill-pespus/keċċa lill-qattus 'l hemm/wera ħniena mal-għasafar) | Il-qattus/ma nafx/ tweġiba oħra irrelevanti | 0 1 |
| **D11.** | | | **Punti b'kollox minn 10:** | |

14 Uża l-istess TQI mogħti mit-tifel jew it-tifla meta wieġbu D5.

15 Uża l-istess TQI mogħti mit-tifel jew it-tifla meta wieġbu D8.

**Protokoll għal *Il-Gidien***

Rakkont / Rakkont mill-Ġdid / Storja-Mudell

| | |
|---|---|
| Isem it-tifel jew it-tifla: | ______________________________ |
| Id-data tat-twelid: | ______________________________ |
| Id-data tal-assessjar: | ______________________________ |
| L-età waqt l-assessjar (f'xhur): | ______________________________ |
| Is-sess: | ______________________________ |
| Isem l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi: | ______________________________ |
| Espożizzjoni għal L2 (f'xhur): | ______________________________ |
| Id-data tad-dħul fil-kindergarten: | ______________________________ |
| Isem il-kindergarten: | ______________________________ |

Qis li l-enveloppijiet ikunu kollha fuq il-mejda qabel ma jibda l-assessjar. Ipprepara t-tagħmir ta' awdjo-reġistrazzjoni sabiex tirrekordja s-sessjoni. Ibda rrekordja qabel il-fażi preparatorja.

**Fażi preparatorja**
Staqsi ngħidu aħna: *"Min huma l-akbar ħabib jew ħabiba tiegħek?"*, *"Xi tħobb tara fuq it-televixin?"*, *"Tħobb tirrakkonta l-istejjer?"*, *"Tħobb tisma' l-istejjer?"*

**Istruzzjonijiet**

**Istruzzjonijiet għal waqt ir-Rakkont**

Poġġi bilqiegħda faċċata tat-tifel jew it-tifla. Għid lit-tifel jew it-tifla: *"Ara, hawn għandek 3 enveloppijiet. Hemm storja differenti f'kull envelop. Agħżel wieħed u mbagħad tkun tista' tirrakkuntali storja."* Iftaħ l-istampi b'tali mod li t-tifel jew it-tifla biss ikunu jistgħu jaraw is-sekwenza sħiħa. *"L-ewwel irridek tħares lejn l-istorja sħiħa. Lest(a)?"*

Iftaħ l-ewwel 2 stampi. Għid lit-tifel jew it-tifla: *"Issa rrid lilek li tirrakkuntali l-istorja. Ħares lejn l-istampi u pprova rrakkuntali l-aħjar storja li tista'."* Suġġeriment li tista' tagħmel jekk it-tifel jew it-tifla qed isibuha bi tqila biex jibdew: *"Irrakkuntali l-istorja"* (ipponta lejn l-istampa). Meta t-tifel jew it-tifla jispiċċaw jirrakkuntaw l-ewwel 2 stampi, iftaħ li jmiss (b'tali mod li l-istampi kollha minn 1 sa 4 jkunu jidhru). Erġa' rrepeti l-proċess sa tmiem l-istorja. Suġġerimenti li tista' tagħmel jekk it-tifel jew it-tifla jisktu f'nofs l-istorja: *"Xi ħaġa oħra?"*, *"Kompli"*, *"Irrakkuntali aktar"*, *"Ejja naraw x'ġara aktar fl-istorja."* Jekk it-tifel jew it-tifla jieqfu jitkellmu mingħajr ma juruk li spiċċaw jirrakkuntaw, għidilhom: *"Għidli meta tlesti."*

Meta t-tifel jew it-tifla jlestu, faħħarhom u mbagħad staqsihom il-mistoqsijiet tal-komprensjoni.

**Istruzzjonijiet għal waqt ir-Rakkont mill-Ġdid**

Poġġi bilqiegħda faċċata tat-tifel jew it-tifla. Għid lit-tifel jew it-tifla: *"Ara, hawn għandek 3 enveloppijiet. Hemm storja differenti f'kull envelop. Agħżel wieħed u mbagħad se nirrakkuntalek l-istorja."* Iftaħ l-istampi b'tali mod li t-tifel jew it-tifla biss ikunu jistgħu jaraw

is-sekwenza sħiħa. *"L-ewwel irridek tħares lejn l-istorja sħiħa. Lest(a)? Se nirrakkuntalek l-istorja u mbagħad tkun tista' terġa' tgħidhieli inti."*

Iftaħ l-istampi 1 u 2. *"L-istorja tibda hawn:* (ipponta lejn stampa 1). *Darba waħda kien hemm mogħża u rat li l-gidi tagħha kien waqa' fl-ilma u li kien imbeżża'. Qabżet ġol-ilma għax riedet issalvah. Lupu bil-ġuħ ra li l-mogħża kienet ġol-ilma u qal: 'Mmm, tajjeb, x'qed nara hawn fuq il-ħaxix?'"*

Iftaħ l-istampi 3 u 4 (b'tali mod li l-istampi kollha minn 1 sa 4 jkunu qed jidhru). *"Il-mogħża imbuttat lill-gidi 'l barra mill-ilma, imma lil-lupu ma ratux. Kienet kuntenta li l-gidi tagħha m'għeriqx. Sadanittant, il-lupu l-ħażin ta salt għax ried jaqbad 'il-gidi l-ieħor. Ħataf 'il-gidi. Għasfur qalbieni li kien qed itir minn hemm induna li l-gidi kien f'periklu kbir. Iddeċieda li jwaqqaf lil-lupu u jsalva lill-gidi."*

Iftaħ l-istampi 5 u 6 (b'tali mod li l-istampi minn 1 sa 6 jkunu qed jidhru issa). *"L-għasfur qal lil-lupu: 'Ħallih lill-gidi.' Imbagħad tar 'l isfel u gidem denb il-lupu. Il-lupu telaq lill-gidi u l-għasfur keċċieh 'l hemm. L-għasfur kien ferħan ħafna li seta' jsalva lill-gidi, u l-lupu baqa' bil-ġuħ.*

*U hekk spiċċat l-istorja."*

Iftaħ l-istampi b'tali mod li t-tifel jew it-tifla biss ikunu jistgħu jaraw l-ewwel 2 stampi. Għid lit-tifel jew it-tifla: *"Issa rrid <u>lilek</u> li tirrakkuntali l-istorja. Ħares lejn l-istampi u pprova rrakkuntali <u>l-aħjar</u> storja li tista'."* Suġġeriment li tista' tagħmel jekk it-tifel jew it-tifla qed isibuha bi tqila biex jibdew: *"Irrakkuntali l-istorja"* (ipponta lejn l-istampa). Meta t-tifel jew it-tifla jispiċċaw jirrakkuntaw l-ewwel 2 stampi, iftaħ li jmiss (b'tali mod li l-istampi kollha minn 1 sa 4 jkunu jidhru). Erġa' rrepeti l-proċess sakemm tasal sa tmiem l-istorja. Suġġerimenti li tista' tagħmel jekk it-tifel jew it-tifla jisktu f'nofs l-istorja: *"Xi ħaġa oħra?"*, *"Kompli"*, *"Irrakkuntali aktar"*, *"Ejja naraw x'ġara aktar fl-istorja."* Jekk it-tifel jew it-tifla jieqfu jitkellmu mingħajr ma juruk li spiċċaw jirrakkuntaw, għidilhom: *"Għidli meta tlesti."* Meta t-tifel jew it-tifla jlestu, faħħarhom u mbagħad staqsihom il-mistoqsijiet tal-komprensjoni.

### Istruzzjonijiet għal waqt l-Istorja-Mudell

Poġġi bilqiegħda faċċata tat-tifel jew it-tifla. Għid lit-tifel jew it-tifla: *"Ara, hawn għandek 3 enveloppijiet. Hemm storja differenti f'kull envelop. Agħżel wieħed u mbagħad se nirrakkuntalek l-istorja."* Iftaħ l-istampi b'tali mod li t-tifel jew it-tifla biss ikunu jistgħu jaraw is-sekwenza sħiħa. *"L-ewwel irridek tħares lejn l-istorja sħiħa. Lest(a)? Se nirrakkuntalek l-istorja u mbagħad se nistaqsik xi mistoqsijiet."*

Iftaħ l-istampi 1 u 2. *"L-istorja tibda hawn:* (ipponta lejn stampa 1). *Darba waħda kien hemm mogħża u rat li l-gidi tagħha kien waqa' fl-ilma u li kien imbeżża'. Qabżet ġol-ilma għax riedet issalvah. Lupu bil-ġuħ ra li l-mogħża kienet ġol-ilma u qal: 'Mmm, tajjeb, x'qed nara hawn fuq il-ħaxix?'"*

Iftaħ l-istampi 3 u 4 (b'tali mod li l-istampi kollha minn 1 sa 4 jkunu qed jidhru). *"Il-mogħża imbuttat lill-gidi 'l barra mill-ilma, imma lil-lupu ma ratux. Kienet kuntenta li l-gidi tagħha m'għeriqx. Sadanittant, il-lupu l-ħażin ta salt għax ried jaqbad 'il-gidi l-ieħor. Ħataf 'il-gidi. Għasfur qalbieni li kien qed itir minn hemm induna li l-gidi kien f'periklu kbir. Iddeċieda li jwaqqaf lil-lupu u jsalva lill-gidi."*

Iftaħ l-istampi 5 u 6 (b'tali mod li l-istampi minn 1 sa 6 jkunu qed jidhru issa). *"L-għasfur qal lil-lupu: 'Ħallih lill-gidi.' Imbagħad tar 'l isfel u gidem denb il-lupu. Il-lupu telaq lill-gidi u l-għasfur keċċieh 'l hemm. L-għasfur kien ferħan ħafna li seta' jsalva lill-gidi, u l-lupu baqa' bil-ġuħ.*

*U hekk spiċċat l-istorja."*

Wara li tlissen: *"U hekk spiċċat l-istorja"* staqsi l-mistoqsijiet tal-komprensjoni.

**Formula Evalwattiva għal *Il-Gidien***

**Taqsima I: Produzzjoni**

A. Struttura tal-Istorja; B. Kumplessità tal-Istruttura; Ċ. Termini tal-Qagħda Interna (TQI)

## A. Struttura tal-Istorja

| | | **Eżempji ta' tweġibiet tajbin**[16] | **Punti** |
|---|---|---|---|
| **A1.** | Kuntest | Referenza għaż-żmien u/jew għall-post, eż. darba fost l-oħrajn/darba waħda/ħafna żmien ilu... f'foresta/f'mergħa/f'għalqa/ħdejn lag/ħdejn il-lag/ħdejn l-għadira | 0 1 2[17] |
| *Episodju 1: L-Omm/Il-Mogħża (il-karattri tal-episodju: gidi u omm/mogħża)* | | | |
| **A2.** | TQI bħala episodju inizjali | Il-gidi kien imbeżża'/fil-periklu/kellu bżonn l-għajnuna/ beda jgħajjat (għall-għajnuna)/sejjaħ 'l ommu **<L-omm/Il-mogħża/Il-ġenitur, eċċ.**> rat li l-gidi kien imbeżża'/fil-periklu/qed jegħreq/ma kienx jaf jgħum **<L-omm/Il-mogħża/Il-ġenitur, eċċ**. > kienet inkwetata minħabba li l-gidi spiċċa fl-ilma | 0 1 |
| **A3.** | Għan (Għ) | Il-**mogħża** riedet tgħin lill-gidi/issalva/teħles lill-gidi/ timbotta lill-gidi 'l barra mill-ilma/toħorġu mill-ilma (Sabiex) + VERB (teħles, tgħin) il-gidi | 0 1 |
| **A4.** | Tentattiv (T) | Il-**mogħża** ġriet għal/marret ġol-ilma Il-**mogħża** qed timbotta/tgħin Il-**mogħża** ppruvat + VERB (tgħin, timbotta) | 0 1 |
| **A5.** | Riżultat (R) | Il-**mogħża** imbuttat lill-gidi 'l barra mill-ilma/salvat/ ħelset/għenet lill-gidi joħroġ Il-**gidi** nħeles/inħareġ mill-ilma | 0 1 |
| **A6.** | TQI bħala reazzjoni | Il-**mogħża** kienet ferħana/ħadet ir-ruħ Il-**gidi** ħa r-ruħ/kien sodisfatt/ferħan/kuntent/ma kienx aktar imbeżża' | 0 1 |
| *Episodju 2: Il-Lupu (il-karattri tal-episodju: lupu u gidi)* | | | |
| **A7.** | TQI bħala episodju inizjali | Il-**lupu** ra 'l-omm tħares 'l hemm/ra li l-gidi kien waħdu/ ra li kien hemm l-ikel Il-**lupu** kien bil-ġuħ/ħaseb li kien se jinżillu għasel | 0 1 |
| **A8.** | Għan (Għ) | Il-**lupu** ried jiekol/jabqad/joqtol lill-gidi (Sabiex) + VERB (jiekol, jaqbad, jaħtaf, joqtol) | 0 1 |
| **A9.** | Tentattiv (T) | Il-**lupu** qabeż għal fuq/'il barra/qabeż lejn il-gidi Il-**lupu** pprova jiġri wara/jaħtaf/jaqbad il-gidi | 0 1 |
| **A10.** | Riżultat (R) | Il-**lupu** ħataf/qabad il-gidi Il-**lupu** kien kważi/għoddu + VERB (ħataf, qabad) | 0 1 |
| **A11.** | TQI bħala reazzjoni | Il-**lupu** kien ferħan Il-**gidi** kien imbeżża'/qed jibki/qed jgħajjat bl-uġigħ | 0 1 |
| *Episodju 3: L-Għasfur (il-karattri tal-episodju: għasfur, lupu u gidi)* | | | |
| **A12.** | TQI bħala episodju inizjali | **<L-għasfur, Iċ-ċawlun, eċċ.>** ra li l-gidi kien fil-periklu/ra li l-lupu qabad il-gidi Il-**gidi** kien fil-periklu | 0 1 |
| **A13.** | Għan (Għ) | L-**għasfur** iddeċieda li/ried iwaqqaf lil-lupu | 0 1 |

[16] Jekk għandek xi dubju jew it-tweġiba tat-tifel jew it-tifla ma tinstabx fil-formula evalwattiva, irreferi għall-manwal.

[17] Tagħti ebda punt f'każ ta' tweġiba ħażina jew l-ebda tweġiba, agħti punt għal tweġiba waħda tajba, 2 punti jekk issir referenza kemm għaż-żmien kif ukoll għall-post.

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | L-**għasfur** iddeċieda li/ried jgħin/jipproteġi/isalva/ jeħles lill-gidi<br>(Sabiex) + VERB (iwaqqaf, jeħles, jgħin) | |
| **A14.** | Tentattiv (T) | L-**għasfur** qed/kien qed jigdem/jiġbed denb il-lupu/il-lupu<br>L-**għasfur** gidem/ġibed/qabad denb il-lupu/attakka 'l-lupu<br>L-għasfur ipprova + VERB (ikeċċi 'l-lupu) | 0 1 |
| **A15.** | Riżultat (R) | L-**għasfur** keċċa 'l-lupu ('l hemm)/beżża' lil-lupu<br>Il-**lupu** telaq lill-gidi/ħarab 'l hemm<br>Il-**gidi** salva/inħeles | 0 1 |
| **A16.** | TQI bħala reazzjoni | L-**għasfur** ħa r-ruħ/kien ferħan/ħassu kburi (li kien salva/ħeles lill-gidi)<br>Il-**lupu** kien irrabjat/iddiżappuntat/ma ħassux tajjeb/ kien imgħaddab/imbeżża'/muġugħ/denb il-lupu beda juġgħu<br>Il-**gidi(ien)** ħa(du) r-ruħ/kien(u) ferħan(in)/protett(i)<br>Il-**mogħża** ħadet ir-ruħ/kienet ferħana | 0 1 |
| **A17.** | | **Punti b'kollox minn 17:** | |

**B. Kumplessità tal-Istruttura**

| Għadd ta' sekwenzi TR | Għadd ta' Għ waħidhom (mingħajr T jew R) | Għadd ta' sekwenzi GħT/GħR | Għadd ta' sekwenzi GħTR |
|---|---|---|---|
| B1. | B2. | B3. | B4. |
| | | | |

**Ċ. Termini tal-Qagħda Interna (TQI)**

| | |
|---|---|
| Ċ1. | Għadd totali ta' TQI. It-TQI jinkludu:<br>**Termini tal-qagħda perċettiva** eż. *tara, tisma', tħoss, ixxomm*;<br>**Termini tal-qagħda fiżjoloġika** eż. *bil-għatx, bil-ġuħ, għajjien, muġugħ, imweġġa';*<br>**Termini ta' koxjenza** eż. *ħaj, imqajjem, rieqed;*<br>**Termini ta' emozzjoni** eż. *imdejjaq, ferħan, hieni, irrabjat, inkwetat, iddiżappuntat, imbeżża', imwerwer, kburi, kuraġġuż, (tħossok) sigur, kuntent, mistagħġeb;*<br>**Verbi mentali** eż. *trid, taħseb, tagħraf, tinsa, tiddeċiedi, temmen, tistagħġeb, ikollok/tfassal pjan;*<br>**Verbi lingwistiċi/verbi tad-diskors/tar-rakkont** eż. *tgħid, issejjaħ, tgħajjat, twissi, tistaqsi.* |

**Taqsima II: Komprensjoni**

| | | Eżempji ta' tweġibiet tajbin | Eżempji ta' tweġibiet ħżiena | Punti |
|---|---|---|---|---|
| **0** | Għoġbitek l-istorja? | **Mistoqsija ta' preparazzjoni, ma tingħatax punti** | | |
| **D1.** | Għala l-mogħża kienet fl-ilma? *(ipponta lejn stampi 1-2)* (Episodju 1: Għan/TQI bħala episodju inizjali) | Trid issalva/tgħin/teħles lill-gidi (Sabiex) + VERB (tgħin, issalva, teħles) lill-gidi Inkwetata minħabba l-gidi Il-gidi beda jgħajjat għall-għajnuna/jinsab fil-periklu/imbeżża' | Qed tgħum/tilgħab/trid tieħu banju/trid tinħasel/biex taħsel lill-gidi/biex tiffriska/ biex tixrob | 0 1 |
| **D2.** | Kif qed iħossu l-gidi? *(ipponta lejn il-gidi fl-ilma, stampa 1)* (TQI bħala episodju inizjali) | Ħażin/imbeżża'/fil-periklu/imwerwer Irid li jinħeles | Tajjeb/sew/ferħan/ qed jilgħab/kiesaħ silġ/ħa l-ħajja/qed iħoss il-bard/bil-għatx/ maħmuġ/nadif/ stupidu | 0 1 |
| **D3.** | *(Staqsi D3 biss jekk it-tifel jew it-tifla jagħtuk tweġiba tajba bla ebda spjegazzjoni/raġuni f'D2. Jekk tingħata spjegazzjoni tajba f'D2, mela agħti punt f'D3 u għaddi għal D4.)* Għala taħseb li l-gidi qed iħossu ħażin/imbeżża'/fil-periklu eċċ.?[18] | Waqa' fl-ilma/mhux kapaċi joħroġ mill-ilma/ qed jegħreq/ma jafx jgħum Qed jgħajjat/iwerżaq "Għinuni, qed negħreq!" Il-frieħ ma jafux jgħumu (tifsira ġenerika) | Bil-ġuħ/bil-għatx/qed jgħum/jilgħab fl-ilma/ ma tħalliex joqgħod hemm | 0 1 |
| **D4.** | Għala jaqbeż 'il quddiem il-lupu? *(ipponta lejn stampa 3)* (Episodju 2: Għan) | Irid jaqbad/joqtol/jiekol il-gidi/ Irid il-gidi (Sabiex) + VERB (jaqbad, joqtol) il-gidi Ma setax jegħleb il-leblieba li kellu għall-gidi/ jaħtaf l-opportunità meta ommu mhux qed tħares/ qiegħda 'l bogħod L-ilpup iħobbu jieklu l-mogħoż/il-gidien (tifsira ġenerika) | Biex jilgħab mal-gidi | 0 1 |
| **D5.** | Kif qed iħossu l-lupu? *(ipponta lejn stampi 5-6)* (TQI bħala reazzjoni) | Ħażin/(għadu) bil-ġuħ/ irrabjat/imgħaddab/ imdejjaq/imbeżża'/ muġugħ/stupidu/ iddiżappuntat | Tajjeb/sew/ferħan/ vivaċi/qed jiġri | 0 1 |
| **D6.** | *(Staqsi D6 biss jekk it-tifel jew it-tifla jagħtuk* | Ma qabadx il-gidi/ma rnexxilux | Il-lupu qed jaħrab 'l hemm/hekk jidher | 0 1 |

[18] Uża l-istess TQI mogħti mit-tifel jew it-tifla meta wieġbu D2.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | *tweġiba tajba bla ebda spjegazzjoni/raġuni f'D5. Jekk tingħata spjegazzjoni tajba f'D5, mela agħti punt f'D6 u għaddi għal D7.)* Għala taħseb li l-lupu qed iħossu ħażin/imbeżża'/ bil-ġuħ/iddiżappuntat eċċ.?[19] | Imbeżża'/imwerwer mill-għasfur<br>L-għasfur kien qed/qed jattakka/jigdem/jiġri warajh/<br>jigdem denb il-lupu<br>*Jekk it-tweġiba għal D5 hi "ħażin/irrabjat", it-tweġiba għal D6 tista' wkoll tkun:* għadu bil-ġuħ | L-għasfur ħa l-ikel tal-lupu<br>L-għasfur irid jiekol lil-lupu<br>Ma nafx | |
| **D7.** | Għala l-għasfur jigdem denb il-lupu?<br>*(ipponta lejn stampa 5)*<br>(Episodju 3: Għan) | Jiddeċiedi li/irid isalva/ jeħles/jgħin/jipproteġi lill-gidi<br>Jiddeċiedi li/irid iwaqqaf lil-lupu/biex iġiegħel lil-lupu jerħi 'l-mogħża (Sabiex) + VERB (isalva, jeħles, jgħin)<br>Ħalli b'hekk il-mogħża ma tittikilx/tinqatilx/tweġġax | Irid jikolha hu lill-mogħża<br>Irid jiekol lil-lupu<br>Irid jilgħab mal-lupu<br>L-għasafar jobogħdu/ ma jħobbux lill-ilpup (tifsira ġenerika) | 0 1 |
| **D8.** | Immaġina li l-għasfur jara 'l-mogħoż. Kif qed iħossu l-għasfur?<br>*(ipponta lejn stampa 6)*<br>(TQI bħala reazzjoni) | Tajjeb/sew/ferħan/ħa r-ruħ/kuntent/sodisfatt/ kburi/utli<br>Bħala protettur/eroj<br>Iħobb jipproteġihom | Ħażin/imdejjaq/ irrabjat/imgħaddab/ iddispjaċut/stupidu/ bil-ġuħ<br>"Irrid naqbad 'il-lupu" | 0 1 |
| **D9.** | *(Staqsi D9 biss jekk it-tifel jew it-tifla jagħtuk tweġiba tajba bla ebda spjegazzjoni/raġuni f'D8. Jekk tingħata spjegazzjoni tajba f'D8, mela agħti punt f'D9 u għaddi għal D10.)*<br>Għala taħseb li l-għasfur qed iħossu tajjeb/sew/ ferħan eċċ.?[20] | Waqqaf lil-lupu/ineħħi/ neħħa 'l-lupu minn hemm<br>Salva/ħeles/għen lill-mogħża<br>Jara li l-mogħoż huma protetti/ferħanin/ma weġġgħux<br>Issa l-lupu mhux se jerġa' jiġi | Qed jitbissem/hekk jidher<br>Ma qabadx lil-lupu<br>Irid jieklu hu lill-gidi<br>Irrabjat mal-lupu | 0 1 |
| **D10.** | Lil min tħobb l-aktar il-mogħża, lil-lupu jew lill-għasfur? Għala? | L-għasfur – agħti mqar raġuni waħda (salva/ għen lill-gidi/keċċa lil-lupu 'l hemm/wera ħniena mal-mogħoż) | Il-lupu/ma nafx/ tweġiba oħra irrelevanti | 0 1 |
| **D11.** | | | **Punti b'kollox minn 10:** | |

[19] Uża l-istess TQI mogħti mit-tifel jew it-tifla meta wieġbu D5.
[20] Uża l-istess TQI mogħti mit-tifel jew it-tifla meta wieġbu D8.

## Mistoqsijiet Ġeneriċi

**1. Isem ibnek jew bintek (isem, kunjom)** ____________________________________

**2. Id-data tat-twelid** ____________________________________

**3. Bħalissa ibnek jew bintek qed jattendu xi kindergarten/ċentru għall-ħarsien tat-tfal/ skola?**

○ Iva, kindergarten
minn mindu? _____________ (sena, xahar)
○ Le
Jekk iva, x'tip ta' kindergarten hi?
○ Bilingwi
○ Monolingwi L1 = il-lingwa nattiva ta' ibnek jew bintek
○ Monolingwi L2 = it-tieni lingwa ta' ibnek jew bintek
○ Oħra, x'tip? ________________________

○ Iva, skola
minn mindu? _____________ (sena, xahar)
○ Le
Jekk iva, x'tip ta' skola hi?
○ Bilingwi
○ Monolingwi L1 = il-lingwa nattiva ta' ibnek jew bintek
○ Monolingwi L2 = it-tieni lingwa ta' ibnek jew bintek
○ Oħra, x'tip? ________________________

**4. F'liema pajjiż twieldu ibnek jew bintek?**

○ Fil-pajjiż ta' L1, liema?___________
○ Fil-pajjiż ta' L2, liema?___________
○ F'pajjiż ieħor, liema?_______________

**5. Minn meta ibnek jew bintek bdew jgħixu fil-pajjiż ta' L2?** ________ (sena, xahar)

**6. Liema wild jiġu ibnek jew bintek?**

○ 1 ○ 2 ○ 3 ○ Niżżel in-numru ____

**7. Kemm kellhom żmien ibnek jew bintek meta lissnu l-ewwel kelmiet?**

___ sena/snin ___ xahar/xhur

**8. Qatt ħassejtek inkwetat(a) dwar kif ibnek jew bintek qed jiżviluppaw il-lingwa?**

○ Le ○ Iva, għid għaliex _______________________________________

**9. Qatt kien hemm xi ħadd fil-familja tiegħek li kellu l-problemi biex jitkellem jew diffikultajiet lingwistiċi oħrajn?**

○ Le ○ Iva, għid min _______________________________________
eż. l-omm, il-missier, xi ħadd mill-aħwa

**10. Qatt kellhom problemi fis-smigħ ibnek jew bintek?**

Problemi fis-smigħ
○ Le
○ Iva

Infezzjonijiet ta' spiss fil-widnejn
○ Le
○ Iva, kemm? ____________
○ grommets (tubi fil-widnejn)

**11. Fil-fehma tiegħek, ibnek jew bintek jisimgħu normali?**

○ Le ○ Iva

**12. Tagħrif dwar il-ġenituri**

| | Għid liema hi l-lingwa nattiva tiegħek (L1) | Għid liema hi t-tieni lingwa tiegħek (L2) | Għid liema lingwi oħrajn titkellem | Kemm ilek tgħix Malta? | Il-livell ta' edukazzjoni tiegħek | Ix-xogħol tiegħek |
|---|---|---|---|---|---|---|
| L-omm/ Ġenitur 1 | | | | | | |
| Il-missier/ Ġenitur 2 | | | | | | |

**13. B'liema lingwa titkellem ma' ibnek jew bintek?**

L-omm/Ġenitur 1

- ○ Bil-lingwa nattiva tiegħi (L1)
- ○ Bit-tieni lingwa tiegħi (L2)
- ○ Kemm bil-lingwa nattiva kif ukoll bit-tieni lingwa
- ○ B'lingwa(i) oħra, għid liema ____________

Il-missier/Ġenitur 2

- ○ Bil-lingwa nattiva tiegħi (L1)
- ○ Bit-tieni lingwa tiegħi (L2)
- ○ Kemm bil-lingwa nattiva kif ukoll bit-tieni lingwa
- ○ B'lingwa(i) oħra, għid liema ___________

**14. Liema lingwi jitkellmu bħalissa ibnek jew bintek?**

- ○ B'L1 tiegħu jew tagħha, li hi: ________________
- ○ B'L2 tiegħu jew tagħha, li hi: __________________
- ○ B'lingwi oħrajn, li huma: ______________________

**15. Għal liema lingwi huma esposti ibnek jew bintek?**

- ○ Għal L1 tiegħu jew tagħha
- ○ Għal L2 tiegħu jew tagħha
- ○ Għal lingwi oħrajn, li huma: ____________

**16. Kemm kellhom żmien ibnek jew bintek meta bdew jiġu esposti għal L2?**

- ○ Mit-twelid
- ○ Qabel sena
- ○ Qabel sentejn
- ○ Qabel 3 snin
- ○ Qabel 5 snin
- ○ Minn mindu kellu/kellha ______

**17. Fejn qed ikunu esposti għal L2 ibnek jew bintek?**

- ○ Fil-kindergarten jew fl-iskola
- ○ Mal-ħbieb
- ○ Ma' ħutu/ħutha/mal-ġenituri/ma' qraba oħrajn
- ○ Fuq it-TV/fuq il-kompjuter/fil-kotba
- ○ Oħrajn _____________________________

**18. F'termini ta' perċentwali, għid bejn wieħed u ieħor kemm ibnek jew bintek qed ikunu esposti ta' spiss għal lingwi differenti kuljum (fl-attivitajiet kollha ta' kuljum meħudin flimkien)?**

| Il-lingwa nattiva tiegħu jew tagħha (L1) | It-tieni lingwa tiegħu jew tagħha (L2) | Lingwa/lingwi oħra |
|---|---|---|
| ○ 25% | ○ 25% | ○ 25% |
| ○ 50% | ○ 50% | ○ 50% |
| ○ 75% | ○ 75% | ○ 75% |
| ○ 100% | ○ 100% | ○ 100% |

| **19. Jekk jogħġbok, agħti stima tal-ħiliet lingwistiċi ta’ ibnek jew bintek billi timmarka l-kaxxa x-xierqa** | Tajjeb ħafna | Pjuttost tajjeb | Pjuttost ħażin | Ħażin ħafna |
|---|---|---|---|---|
| Ibnek jew bintek kemm jifhmuha sew il-lingwa nattiva tagħhom (L1)? | | | | |
| Ibnek jew bintek kemm jifhmuha sew it-tieni lingwa tagħhom (L2)? | | | | |
| Ibnek jew bintek, kemm jitkellmuha sew il-lingwa nattiva tagħhom (L1)? | | | | |
| Ibnek jew bintek kemm jitkellmuha sew it-tieni lingwa tagħhom (L2)? | | | | |

**20. Fil-fehma tiegħek, ibnek jew bintek liema lingwa jitkellmu l-aħjar?**

- ○ L1 tiegħu jew tagħha
- ○ L2 tiegħu jew tagħha
- ○ Lingwa oħra, li hi _______

**21. Fil-fehma tiegħek, ibnek jew bintek iħobbu/ jippreferu lingwa minnhom aktar mill-oħrajn?**

- ○ Le
- ○ Iva, liema? _________________

| **22. Jekk jogħġbok, indika kemm spiss għamilt l-attivitajiet li ġejjin ma’ ibnek jew bintek matul ix-xahar li għadda** | Il-lingwa nattiva tiegħu jew tagħha (L1) | | | | It-tieni lingwa tiegħu jew tagħha (L2) | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Qatt | Darbtejn fix-xahar | Darba jew darbtejn fil-ġimgħa | Kważi kuljum | Qatt | Darbtejn fix-xahar | Darba jew darbtejn fil-ġimgħa | Kważi kuljum |
| Tirrakkuntaw l-istejjer | | | | | | | | |
| Taqraw il-kotba | | | | | | | | |
| Tisimgħu jew tkantaw il-kanzunetti | | | | | | | | |
| Taraw TV/DVD/Films/Logħob diġitali | | | | | | | | |

## Siltiet Narrattivi

Is-siltiet narrattivi li ġejjin iservu ta' stimolu għall-attivitajiet tal-Istorja-Mudell u/jew ir-Rakkont mill-Ġdid. It-testi jixxiebhu bejniethom kemm fil-makrostruttura kif ukoll fil-mikrostruttura u jistgħu jintużaw sabiex jgħinu fil-kodifikazzjoni u l-analiżi.

Hawn taħt għandek immarkati l-komponenti tal-istruttura u t-termini tal-qagħda interna ta' kull storja b'dan il-mod:
għan tentattiv riżultat *termini tal-qagħda interna*

***Il-Psiepes*** (Għadd totali ta' kliem: 170*)

**Stampi 1/2:** Darba waħda kien hemm għasfura u *rat* li l-psiepes tagħha kienu *bil-ġuħ*. Taret 'il bogħod għax riedet issibilhom l-ikel. Qattus *bil-ġuħ ra* lill-għasfura ttir 'il bogħod u *qal*: "Mmm, tajjeb, x'qed nara hawn fil-bejta?"

**Stampi 3/4:** L-għasfura ġiet lura b'dudu kbir għaż-żgħar tagħha, imma lill-qattus ma *rat*ux. Kienet *ferħana* bid-dudu oħxon għall-psiepes tagħha. Sadanittant, il-qattus il-*ħażin* beda tiela' mas-siġra għax ried jaqbad pespus. Ħataf wieħed mill-psiepes. Kelb *qalbieni* li kien għaddej *induna* li l-għasafar kienu f'periklu kbir. Iddeċieda li jwaqqaf lill-qattus u jsalvahom.

**Stampi 5/6:** Lill-qattus *qal*lu: "Ħallihom lill-psiepes." Imbagħad ħataf denb il-qattus u ġibdu 'l isfel. Il-qattus telaq lill-pespus u l-kelb keċċieh 'l hemm. Il-kelb kien *kuntent* ħafna li seta' jsalva lill-psiepes, u l-qattus baqa' *bil-ġuħ*.

***Il-Gidien*** (Għadd totali ta' kliem: 175*)

**Stampi 1/2:** Darba waħda kien hemm mogħża u *rat* li l-gidi tagħha kien waqa' fl-ilma u kien *imbeżża'.* Qabżet ġol-ilma għax riedet issalvah. Lupu *bil-ġuħ ra* li l-mogħża kienet ġol-ilma u *qal*: "Mmm, tajjeb, x'qed nara hawn fuq il-ħaxix?"

**Stampi 3/4:** Il-mogħża imbuttat lill-gidi 'l barra mill-ilma, imma lil-lupu ma *rat*ux. Kienet *kuntenta* li l-gidi tagħha m'għeriqx. Sadanittant, il-lupu l-*ħażin* ta salt għax ried jaqbad 'il-gidi l-ieħor. Ħataf 'il-gidi. Għasfur *qalbieni* li kien qed itir minn hemm *induna* li l-gidi kien f'periklu kbir. Iddeċieda li jwaqqaf lil-lupu u jsalva lill-gidi.

**Stampi 5/6:** L-għasfur *qal* lil-lupu: "Ħallih lill-gidi." Imbagħad tar 'l isfel u gidem denb il-lupu. Il-lupu telaq lill-gidi u l-għasfur keċċieh 'l hemm. L-għasfur kien *ferħan* ħafna li seta' jsalva lill-gidi, u l-lupu baqa' *bil-ġuħ*.

* L-għadd totali ta' kliem jinkludi l-pronomi mehmużin.

***Il-Qattus*** (Għadd totali ta' kliem: 181*)

**Stampi 1/2:** Darba waħda kien hemm qattus *vivaċi* li *ra* farfett isfar bilqiegħda fuq siġra żgħira. Qabeż 'il quddiem għax ried jaqbdu. Sadanittant, tifel *ferrieħi* kien ġej lura mis-sajd u f'idejh kellu barmil u ballun. *Ħares* lejn il-qattus jiġri wara l-farfett.

**Stampi 3/4:** Il-farfett tar 'l hemm malajr u l-qattus waqa' fis-siġra ż-żgħira. *Weġġa'* u kien *rrabjat* ħafna. It-tifel tant kien *maħsud* li l-ballun waqagħlu minn idu. Meta *ra* l-ballun tiegħu jitgerbeb għal ġol-ilma, *għajjat*: "Uff, ħarabli l-ballun!" Kien *imdejjaq* u ried iġib il-ballun tiegħu lura. Sadanittant, il-qattus *induna* bil-barmil tat-tifel u *ħaseb*: "Irrid naħtaf ħuta."

**Stampi 5/6:** Fl-istess ħin it-tifel beda jiġbed il-ballun tiegħu mill-ilma bil-qasba tas-sajd. Ma *induna*x li l-qattus kien ħataf ħuta. Fl-aħħar mill-aħħar, il-qattus kien *kuntent* ħafna li kiel ħuta daqshekk tajba u t-tifel kien *ferħan* li l-ballun tiegħu ġabu lura.

***Il-Kelb*** (Għadd totali ta' kliem: 172*)

**Stampi 1/2:** Darba waħda kien hemm kelb *vivaċi* li *ra* ġurdien griż bilqiegħda ħdejn siġra. Qabeż 'il quddiem għax ried jaqbdu. Sadanittant, tifel *ferrieħi* kien ġej lura mix-xirja u f'idejh kellu basket u bużżieqa. *Ħares* lejn il-kelb jiġri wara l-ġurdien.

**Stampi 3/4:** Il-ġurdien ħarab malajr u l-kelb daħal ġos-siġra. *Weġġa'* u kien *irrabjat* ħafna. It-tifel tant kien *maħsud* li l-bużżieqa ħarbitlu minn idu. Meta *ra* l-bużżieqa tiegħu ttirlu għal ġos-siġra, *għajjat*: "Uff, ħarbitli l-bużżieqa!" Kien *imdejjaq* u ried iġib il-bużżieqa tiegħu lura. Sadanittant, il-kelb *induna* bil-basket tat-tifel u *ħaseb*: "Irrid naħtaf zalzetta."

**Stampi 5/6:** Fl-istess ħin it-tifel beda jiġbed il-bużżieqa tiegħu mis-siġra. Ma *induna*x li l-kelb kien ħataf zalzetta. Fl-aħħar mill-aħħar, il-kelb kien *kuntent* ħafna li kiel zalzetta daqshekk tajba u t-tifel kien *ferħan* li l-bużżieqa tiegħu ġabha lura.

* L-għadd totali ta' kliem jinkludi l-pronomi mehmużin.